NEWSPAPER POST

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

# L-ANZJAN ILLUM

**Nru. 65** **Jannar - Marzu 2012**



## Il-Premju 'Anzjan tas-Sena' 2011

Sena wara sena jiġi ċċelebrat 'Il-Premju Anzjan tas-Sena'. Din is-sena ġie ċċelebrat il-Ġimgħa, 7 ta' Ottubru 2011 taħt il-patroċinju tal-E.T. il-President Dr. George Abela fis-Sala tat-Tron, fil-Palazz tal-Presidenzjali, il-Belt Valletta. Preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm ukoll, l-E.T. Mons. Arċisqof Paul Cremona OP, il-Ministru tas-Saħħa, l-Onor. Dr. Joseph Cassar, is-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani u l-Kura fil-Komunita', l-Onor. Mario Galea, E.T. Emeritus Dr. Eddie Fenech Adami.

Dan il-Premju jingħata kull sena mis-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' bħala:
- L-għarfien tas-servizz li l-anzjan jagħmel b'mod volontarju ma' min ikun meħtieġ.
- L-għarfien lil dak l-anzjan li bil-karattru u bl-attivita' tiegħu waqt li huwa rtirat, huwa eżempju ta' kreattivita'.
- L-għarfien tal-kontribut li l-anzjan jagħti biex anzjani oħra jkollhom ħajja fil-komunita'.

Din is-sena, **il-Premju 'Anzjan tas-Sena 2011'** ingħata lis-Sinjorina **Margaret Mifsud.** Margaret Mifsud bil-mod tagħha, fittxet li tgħin lill-oħrajn b'mod dirett.


Margaret Mifsud

Daħlet fid-dinja ta' xogħol minn meta kellha 12-il sena u dejjem uriet ħeġġa li tgħin lil ħaddieħor. Fir-raħal tagħha hija popolari ħafna għax għandha l-fama li tħobb tgħin u peress, li hi toqgħod waħedha, id-dar tagħha qisha dar tar-refuġju fejn tilqa' lil kulħadd tal-familja u mhux. Matul ħajjitha Margaret ħadmet ħafna fil-volontarjat fosthom ta' min insemmu
- Taħsel lill-morda f'darhom.
- Daret għal żmien twil b'membru tal-familja li kienet marida fit-tul u għenitha ħafna fit-trobbija ta' wliedha.
- Daret b'pazjent għal seba' ġimgħat, teħodlu l-ikel u taħsillu ħwejġu għax kien abbandunat mill-familjari.
- Għadha sa llum iżżur lill-morda li qegħdin rikoverati ġo djar tal-anzjani.

Imgħata wkoll Premju Speċjali lil anzjan/a li l-Bord tal-Għażla jkun irrikonoxxa li għamel jew għamlet xogħol siewi u meħtieġ marbut ma' Residenza/Ċentru ta' Matul il-Jum.

Din is-sena il-**Premju Speċjali** ingħata lis-Sur **Joseph Farrugia.**


Joseph Farrugia

Joseph Farrugia ilu minn żmien ċkunitu bin-namra għall-poezija u kellu wkoll l-opportunita li jippublika xogħol tiegħu. Il-ħajra għall-kitba waslet biex il-lum il-ġurnata din il-persuna qed joħroġ fuljett bl-isem ´Kelmtejn Bejn il-Ħbieb' għar-residenti ta' San Vincenz. Jagħmel ukoll xogħol volontarju fit-taqsima tal-*Entertainment*, u ġie maħtur Membru fil-kumitat ta' tmexxija tal-isptar ta' San Vinċenz de Paul. Barra minn hekk ġie maħtur *Liason Officer* fil-Kunsill tar-Residenti ta' San Vincenz de Paul. B'hekk Joseph Farrugia sar il-leħen qawwi u sod tar-residenti ta' San Vincenz de Paul.

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jifraħ lis-Sinjorina Margaret Mifsud kif ukoll lis-Sur Joseph Farrugia għax-xogħol volontarju li jagħmlu minn qalbhom biex iferrħu lill-oħrajn.**

**Qegħdin inġibu għas-sodisfazzjon tagħkom, il-Messaġġ li jagħti sena wara sena l- Onor. Mario Galea – Segretarju Parlamentari Għall-Anzjani u Kura fil- Komunita' fl-okkazjoni taċ-Ċerimonja tal-Għoti tal-Premju 'Anzjan tas-Sena 2011'. Dan hu li qal...**


Onor. Mario Galea

**L-anzjani tagħna għandhom tabilħaqq għalfejn iħarsu lejn il-passat bi kburija. Pajjiżna hu dak li hu llum bis-saħħa tagħhom. Bl-għaraq ta' ġbinhom. Kienu huma li sawruh. Li bnewh. Li ħadu ħsiebu. Li raddewh lilna b'self. Self li għada aħna rridu rrodduh lura lil uliedna.**

Tabilħaqq, li takkumula s-snin wara dahrek mhix diżgrazzja jew kastig. Anzi hija grazzja kbira. Barka minn Alla l-Missier. F'kull soċjeta' l-anzjan hu riżorsa importanti. Forza edukattiva u formattiva għan-nazzjon. Kull anzjan huwa ktieb ħaj ta' referenza. L-anzjani huma wkoll l-aqwa difensuri tal-valuri tagħna. tat-tradizzjonijiet tagħna. Ta' dak kollu li jagħmilna Maltin.

Għalhekk l-eta' tal-pensjoni n'għandha tkun qatt il-verdett tal-eżilju mis-soċjeta'. Lanqas il-final ta' xi opra traġika. Hija ħasra li fid-dinja tal-lum il-kelma xjuħija saret tbeżżagħna. Bħallikieku li tixjieħ huwa xi diżunur. Ix-xjuħija mhix l-bidu tat-tmiem. Imma l-bidu ta' esperjenza ġdida. Fażi oħra tal-ħajja li hi interessanti u sabiħa.

It-tikmix tax-xjuħija hu bizzilla sabiħa ta' esperjenza. Xhieda ta'ħajja mgħajxa sax-xfar. Ifisser l-għerf li ġenerazzjoni tgħaddi lil oħra. It-tikmix hu l-imħabba li omm tat lil uliedha. Hu xhieda tal-impenn ta' missier li ħadem għal familtu. Kull tikmixa hija storja. Storja ta' persuna. Ta' familja. Ta' raħal. Ta' nazzjon.

Il-Premju anzjan tas-Sena mhux sempliċiment ritwal. Lanqas ma hu appuntament ieħor fil-kalendarju.

Għall-kuntrarju, dan hu Premju li jiċċelebra x-xjuħija.

## Appell biex ikollna aktar artikli għall-fuljett 'L-ANZJAN ILLUM'.

Ix-xewqa tagħna hi li dan il-Fuljett jibqa' jkun ta' interess ġenerali għall-anzjani ħbieb tagħna. Għalhekk jekk ikun hemm xi ħadd li jixtieq joffri xi kitba ta' interess għall-anzjani aħna nieħdu pjaċir bih.
Kif tafu dan il-fuljett dejjem tqassam mingħajr flus. Billi l-ispejjeż ta' din il-pubblikazzjoni 'L-ANZJAN ILLUM' qiegħed dejjem jikber, aħna napprezzaw xi offerti li wieħed jkun jixtieq jagħmel lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani.

**N.B.** Id-Direzzjoni ta' dan il-perjodiku tal-Anzjani tapprezza il-kummenti illi l-qarrejja jogħġobhom jibagħtu.
Minn jixtieq jikteb lill-Editur ittri biex jidhru f'dan il-fuljett jista' jagħmel dan billi jibgħat l-ittri tiegħu f'dan l-indirizz – Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, 35, Triq il-Kapuċċini, Il-Furjana FRN 1052, jew email – **kna@onvol.net**

L-Editur iżomm id-dritt li ma jippubblikax ċerti ittri.

**'L-ANZJAN ILLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJALI**

**Editur:**
Anton Cremona

**Membri:**
Saviour Attard
Paul Muscat Terribile

**Proof Reader:**
Emmanwel F. Attard

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard-Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Carmel Mallia

**Viċi President:**
Helen Borg Bonnici

**Segretarja:**
Rose Sammut

**Teżorier:**
Lino Mizzi

**Segretarju Internazzjonali:**
Moses Azzopardi

**Uff. Relazzjonijiet Pubbliċi:**
Anton Cremona

**Ass. Segretarju:**
Aldo Portelli

**Membri:**
Saviour Attard
Moses Azzopardi
Doris Cassar
Nicholas Farrugia
Chev. Dr. H. Messina-Ferrante
BChD, LDSRCS (Eng), FICD (USA), ecc
Mary Anne Mizzi
Paul Muscat Terribile
Anthony Mulè Stagno (Co-Opted)
Salvu Borg (Co-Opted)

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL PUBBLIKU**
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa
0900-1200

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

**INDIRIZZ POSTALI**
**'L-Anzjan Illum',**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani,**
**35, Triq il-Kapuċċini,**
**Floriana FRN1052.**
**Tel: 21243860 Fax: 21249098**
**e-mail: kna@onvol.net**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat – Veritas Press, Żabbar**

## *EDITORJAL*

# IL-VALUR TAL-ANZJAN

***Anton Cremona***

Il-valur tal-anzjan hu bħal dak ta' bir mimli sa ruħ ommu bl-ilma f'nofs deżert.
L-anzjan hu mimli għerf u esperjenza tal-ħajja. Hija għal kollox ħażina l-idea jew l-impressjoni li tingħata li l-anzjan qiegħed biex joqgħod bil-qiegħda ma' oħrajn fuq xi bank sakemm jgħaddi l-ħin. Aħna aktar tgħallimna mhux min dawk li ġew warajna iżda minn dawk li ġew qabilna.

Niftakar meta kont tifel żgħir f'wieħed min dawk il-ħwienet tat-titottla, nisma' lill-anzjani jitkellmu u jirrakkontaw. Sal-lum il-lingwaġġ u l-istejjer għadni nimxi mal-ħafna pariri li tawni dawk li ġew qabli. Għalekk l-anzjan huwa riżors imprezzabli għal kull ġeneru tal-lum u t'għada. Il-pariri tagħna huma l-aktar siewja mhux wisq fi żmien ta' serenita', iżda fil-mumenti l-aktar diffiċli.

Aħna l-anzjani għandna inħossuna daqs li kieku konna kunsilliera tagħna nfusna.

Inħeġġu fejn naraw li nagħmlu t-tajjeb. Għandna nirriflettu ukoll fejn naraw li qegħdin nagħmlu ħażin. Inqisu lilna nfusna bħala ġenituri u nindukraw lilna stess u lill-anzjani sħabna sabiex nibqgħu fi triq id-dritta u onesta'. Iżda fuq kollox nibqgħu f'dik it-triq li twassalna għal dinjita' aħjar.

Għandna inwasslu dan il-messaġġ mhux biss lil uliedna imma anke lil dawk ta' madwarna. Għandna nagħrfu t-tajjeb tagħna. Għandna nuru is-soledarjeta' ma' dawk l-aktar li huma fil-bżonn. Iridu nitkellmu u nuru t-tbatija li għaddejna minnhom sakemm rabbejniehom.

Ma niddejqux nikkoreġu lill uliedna fejn naħsbu li t-triq li qabdu hija magħwġa u li se twassalhom fl'inkwiet.

Dan kuwa l-messaġġ tiegħi għas-Sena l-Ġdida li għadna kemm nibdew. Ma nistax ma nwassalx l-awgurju tiegħi u ta' sħabi, membri tal-Kunsill l-isbaħ xewqat għas-sena 2012 mimlija riżq u hena lill-anzjani kollha, speċjalment lill morda, lil dawk b'diżabilita' u lill-familji tagħhom.

# IR-RIFLESSJONIJIET TA' TEOFILU

Ħsibijieti m'ilux wisq hekk kif imteddejt ħalli norqod taru fuq il-bniedem u l-annimali. Ħsibijiet li għarrquli n-ngħas li kelli. Għal ħin konsiderevoli ma stajt nitboq għajnejja b'xejn… Imma ma kienx ħin mitluf għal kollox. Ftakart x'konna nitgħallmu: verita' li meta konna għadna studenti – u smajnieha għall-ewwel darba – skantatna u heżżitna dak id-daqsxejn: li aħna n-nies, il-bnedmin aħna wkoll annimali… imma annimali soċjali! Wara, waqt il-lezzjonijiet tar-reliġjon, ħassejna li għollewna bis-sħiħ: u imtlejna bin-nifs…. Tfarraġna! Aħna "annimali bir-ruħ", in-Nifs tal-istess Alla, Missierna, għax Hu l-Ħallieq tagħna (u ta' KOLLOX KOLLOX!) – li ħalaqna xbieha Tiegħu! Privileġġ divin kbir tabilħaqq!

Ikollna naħsbu u ngħidu, madanakollu, li aħna Xbieha Tiegħu l-aktar fir-Ruħ, fl-ispirtu – le fil-ġisem – la Alla huwa "Spirtu ta'perfezzjoni bla qies". Lil Alla ma narawhx – inħossuH biss! Mhux l-istess ruħna lkoll, ħbieb tiegħi? (Ma jiġi ħadd jgħidli li, "hemm, tafx, min ra erwieħ tal-mejtin – l-aktar minn dawk b'wiċċ ta' mewt, imlefilfa f'xi liżor bojod, minn dawk li jgħidu li ntlemħu f'xi ċimiterju bil-lejl")

Tridux tħalluna, ħbieb! Tridux tħalluna, intom talin li tħobbu tkexkxuna bi ġrajjiet waħxin…. Il-fatt hu li lil ruħna ma rajnieha qatt – u ma hemm l-ebda ċans li għad narawha kemm indumu ħajjin, niftiehmu…. **Imma Ruħna hemm qiegħda, hemm tkun kemm indumu ħajjin** – saħansitra hemm tkun għadha meta agunija, meta nkunu moribondi: Ir-ruħ kollox – dak li ma jidhirx fina <u>kollox</u> ! Permezz tagħha nibqgħu mhux biss ħajjin – imma wkoll attivi: naħdmu, naħsbu, nirraġunaw, inqisu u nkejlu. Biss flok "ruħna", aħna s-soltu, dejjem kważi, ngħidu "moħħna"! U veru, bir-raġun, ħbieb tiegħi, għax moħħna jmexxina – hu qisuh kollox ukoll! Imma tafu għaliex? Għaliex <u>jidher</u> – u jidher tassew u fiċ-ċar ukoll! Intenni – jidher li r-ruħ, ruħna, lil hinn, f'dik il-parti ta' ġisimna donnha tgħammar…u tidderiġina f'kollox! Hekk donnu jidher tabilħaqq! Imma ma <u>tixref Qatt</u>, b'mod li nistgħu narawha b'għajnejna! La b'għajnejna materjali – u lanqas b'dawk "mentali" – dawk l-għajnejn inviżibli huma wkoll (bħar-ruħ stess) li jdawlu kull immaġinazzjoni u sa kull fantasija. Biss inqisu wkoll lil għajnejna materjali bħala l-għajnejn ta'barra, "il-viżibbli ta'ruħna!"

Tafu għaliex insibu li għandna din il-għamla ta' għajnejn ġewwa fina? Għaliex dawn l-għajnejn inviżibbli huma preċiżament l-għajnejn minn ġewwa ta' din ruħna l-inviżibbli! Intenni u ntellet ukoll, **din Ruħna, l-ispirtu uman tagħna, hija, huwa, KOLLOX.** F'idejn ruħna t-tmun ta' ħajjitna kemm indumu ħajjin! La titlaqna hi, kif għad żgur ikollha tagħmel xi darba, immutu! Ġisimna biss imut – u ġo xi qabar postu! Għax jibda jinten u maż-żmien jispiċċa! Ġisimna, kif qal u enfasizza Sidna Ġesu' Kristu stess – il-ġisem ma jiswa xejn, mhux hu kollox, avolja tant nieħdu kura tiegħu – niftiehmu wkoll ħej, imrieġi mir-ruħ hawn ukoll…. Għax kemm indumu ħajjin ruħna donnha tieħu wkoll gost ħafna tgħammar f'ġisimna u tmexxi kollox hi! U hija tmexxina f'kollox ta – ma nitqarrqux! Għax kif issokta l-Mulej tagħna: ir-ruħ kollox. DIK li ma tidhirx, li ma tidlirilniex, u tixirfilna biss tant u tant drabi – fis-sens li ruħna ġo ġisimna turina x'direzzjoni tieħu ta' dan ġisimna, hux dik it-tajba jew ħażina. U hi, hi Biss responsabbli ta' kull għemil li nagħmlu – il-ġisem huwa l-iskjav, skjav imħassar moralment sfortunatament, sa mill-ġuf li jħajjarha tidneb!

Kien għalhekk li, sa ċertu punt, inħolqu l-Ġenna u l-Infern – għall-premju jew kastig eternu skond il-każ. Daż-żmien xi predikaturi qegħdin jevitaw li jsemmu l-Infern, b'mod speċjali – biex speċi – jenfasizzaw il-ħniena bla qjies t'Alla. Qegħdin jagħmlu ħafna drabi żball kbir – billi fl-istess nifs donnhom ikunu wkoll, anki bla ma jridu xi kultant, niftiehmu, jinsew, u jnessu l-Ġustizzja infinita Tiegħu! Kemm kien ta' min ibierku u jfaħħru fi żmienu lill-Imqaddes Ġorġ Preca li fil-priedki tiegħu tant kien jisħaq fuq dan il-kastig etern! Kien tabilħaqq ibeżża' u jkexkex 'il min kien jisimgħu – iżda kien jagħmel arċisew! Għax daż-żmien sirna nabbużaw wisq mill-ħniena tal-Mulej!

Araw illum x'insibu fost ċerti żgħażagħ, u nies akbar (fosthom xi akkademiċI wkoll biex tagħqad). Dawn kollha nies mgħammdin – suppost insara. Għadhom insara? Le, ngħid jien ma' bosta oħrajn: huma biss psewdo – insara, la iżjed u lanqas anqas! Fosthom insibu kemm – il flien li la jemmen fi Kristu, Alla Bniedem/ Bniedem Alla, la fil-Ġenna u l-Infern u lanqas li ruħna hija immortali! Ta' min veru jitħassarhom.

# IS-SATANIŻMU U L-EWKARISTIJA

**Kan. John Ciarlo'**

**Ftit snin ilu, waqt omelija li kien għamel fl-okkażjoni tal-festa ta' *Corpus Christi*, il-magħruf Kardinal Ballestrero, li dak iż-żmien kien l-Arċisqof ta' Turin, kien tkellem dwar is-serq tal-Ispeċi Ewkaristiċi u l-profanazzjoni tagħhom mis-Satanisti f'Turin.**

Huwa kien qal ċar u tond: "F'din il-belt tagħna (Turin), il- profanazzjoni tax-Xbihat Ewkaristiċi hija ħaġa li qed tiġri ta' spiss. Is-serq tal-Ispeċi Ewkaristiċi, u ta' dan biss, qed tirrepeti ruħha u hija ħaġa ta' sogħba bla qjies. Tajjeb ngħidu li l-ostji kkonsagrati mhux qed jinsterqu biss mit-tabernakli, iżda wkoll qed jittieħdu waqt it-tqarbin għal skopijiet li lanqas ta' min isemmihom.

"U dan is-serq orribli mhux qed isir minn xi mħuħ imsejkna skwilibrati. Għall-kuntrarju, wara dan is-serq sagrilegu hemm il-mibegħda ostinata u r-ribelljoni ta' Satana li ġġiegħel lil xi wħud biex jipprofanaw l-Ewkaristija propju fis-sinjal sagramentali tagħha!

"U din il-profanazzjoni qed titwettaq ħafna drabi anki b'modi oxxeni, għaliex f'din il-belt, ir-riti sataniċi qed jirripetu ruħhom. Għaliex, għalkemm hija ħaġa ta' twerwir li tgħidha, hawn min bil-profanazzjoni tax-Xbihat Ewkaristiċi jkun qed jagħti prova li hu jkun ċaħad lil Kristu u ta ruħu lil Satana quddiem nies xellerati."

Kif kien mistenni, il-kliem tal-Kardinal qajjem għagħa kbira fil-belt ta' Turin. Ħafna kienu dawk li qatt ms stennew u skantaw kif f'Turin, il-Belt ta' Don Bosco, tal-Cottolengo, tas-*Santa Sindone*, kienu qed jiġru affarijiet koroh bħal dawn.

Diżgrazzjatament dak li qed jiġri f'Turin qed jiġri f'ħafna pajjiżi oħra. U nkunu tassew boloh jekk naħsbu li dan mhux qed jiġri wkoll f'pajjiżna.

## Anki f'pajjiżna

Kulħadd jaf li anki f'pajjiżna hawn min inqabad fix-xibka djabolika tas-Sataniżmu. Minkejja li forsi ilna ma nisimgħu u naqraw dwar is-Sataniżmu f'Malta, iżda żgur ħafna għadhom jiftakru dak li kemm-il darba qrajna fil-gazzetti, u anki rajna fi programmi sħaħ fuq it-televiżjoni, dwar it-tixrid tas-Sataniżmu f'Malta. Biżżejjed infakkru li minn investigazzjonijiet li kienu saru minn diversi ġurnalisti. F'Malta sa ftit ilu kien hawn ħames ċentri sataniċI li fihom jinġabru Maltin biex jipprattikaw is-Sataniżmu.
Ġieli fl-imgħoddi anki kellna rapporti miġbura mill-Pulizija dwar dan is-suġġett u anki ssemmew esperjenzi u ntwerew ritratti fil-ġurnali tal-postijiet u ċerti sinjali ċari ta' laqgħat u attivita' satanika f'diversi naħat ta' Malta u Għawdex.

Kulħadd jaf biżżejjed li fil-laqgħat sataniċi, tingħata importanza kbira 'l hekk imsejħa l-Quddiesa s-Sewda li mhix għajr profanazzjoni djabolika u sagrilega tal-aktar ħaġa għażiża għalina li nemmnu fl-Ewkaristija. Mhux il-każ li nispjegaw fiex jaslu dawk li jkunu ċaħdu lil Kristu u taw ruħhom lil Satana.

Huwa għalhekk dmir tagħna li nitolbu għal dawk ħutna msejkna li nqabdu f'din ix-xibka satanika u nagħmlu riparazzjoni xierqa għall-profanazzjonijiet djaboliċI li dawn iwettqu fil-Quddiesa s-Sewda. Orribli l-kastigi li għad jistennew – dejjem jekk ma jindmux sinċerament u jirreparaw għal dawn l-orruri sagrilegi!

## Bżonn ta' aktar għassa u attenzjoni

Iżda barra minn dan, hemm bżonn nifhmu r-responsabbilta' kbira li għandna llum biex ngħassu u noqogħdu attenti aktar minn qatt qabel kontra s-serq tal-ostji kkonsagrati li, kif qal tajjeb il-Kardinal Ballestrero, qed isir mill-knejjes u t-tabernakli għal skopijiet li lanqas biss huma ta' min isemmihom.
Ikollna ngħidu li llum kulħadd sema' b'każijiet ta' nies li jersqu biex jirċievu l-Ewkaristija f'idejhom biex ikunu jistgħu jeħduha magħhom u jbigħuha għall-flus lis-Satanisti. Affarijiet li qegħdin jiġru, speċjalment illum minn ċerti individwi bl-abbuż tad-droga, li lesti jagħmlu kollox biex jissodisfaw il-vizzju tagħhom. Huwa dmir għalhekk tagħna lkoll li noqogħdu b'seba' għajnejn u għassa l-ħin kollu biex dawn l-affarijiet koroh ma jkomplux isiru. U speċjalment il-lajċi għandhom jinnutaw u jirrapurtaw kull abbuż li jistgħu jisimgħu bih jew jindunaw bih.

Fuq kollox huwa dmir tal-kappillani, tar-retturi tal-knejjes u tas-sagristani biex ma jħallux iċ-ċavetta tat-tabernaklu fil-post, speċjalment fil-ħin meta fil-knisja ma jkun hemm ħadd. Żgur li dawk li qegħdin iwettqu dawn l-affarijiet, faċli japprofittaw ruħhom minn ċerta negliġenza, traskuraġni jew fiduċja żejda ta' dawk responsabbli mill-knejjes. Għalhekk ikunu qegħdin jiżbaljaw ħafna ħafna dawk li jafdaw iżżejjed u jserrħu rashom u ma jġibux quddiem għajnejhom il-konsegwenzi ta' għemilhom - jekk minħabba raġuni jew oħra iħallu t-tabernakli tagħna miftuħa jew biċ-ċwievet mat-tabernakli. Iridu wkoll joqogħdu attenti biex isakkru sew fejn ipoġġu dawn iċ-ċwievet meta jagħlqu l-knejjes.

Leħen is-Sewwa 13.08.2011

# IT-TRASPORT PUBBLIKU

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani bagħat ittra pubblikata hawn taħt rigward l-ilmenti fit-Trasport pubbliku. Din l-ittra ntbagħtet qabel sar id-dibattitu fil-Parlament.**

14 ta' Ottubru 2011

The Hon. Austin Gatt, LL.D., M.P.
Ministry for Infrastructure, Transport and Communications
Palazzo Zondadari
Merchants Street
Valletta

Onor. Ministru,

# IT-TRASPORT PUBBLIKU

Wara tliet xhur li bdiet taħdem il-Kumpanija Arriva f'Malta l-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jixtieq isemma leħnu f'isem l-anzjani Maltin dwar dan is-Servizz.

Mill-att pożittiv irid insemmi li kien hemm titjieb ġenerali f'dak li għandu x'jaqsam max-xarabanks, b'arja kondizzjonata, indafa, l-apparenza u mġiba tax-xuffiera u fuq kollox il-prezz raġonevoli li jħallsu l-anzjani biex jużaw dan is-srevizz.

IS-SERVIZZ huwa l-akbar problema. Ma jfisser xejn jekk fil-kċina għandek platti, tazzi, frieket eċċ., u mbagħad la għandek ikel u l-anqas xorb.

Is-servizz li qed ikun offrut liċ-ċittadini bħal issa mhux aċċettabli! Huwa ferm 'il bogħod fil-kwalita minn dak provdut fl-Unjoni Ewropeja fejn pajjizna huwa membru.

Ma jistax ikun, li ċ-ċittadini Maltin, inklużi l-anzjani, jitħallew jistennew fix-xemx jew fix-xita, fuq stejġis u terminus għal ħinijiet twal, kull tant eseġerati, biex immorru għax-xogħol, l-iskola, sptarijiet, bereġ, u postijiet oħra.

Ma jistax ikun, li hemm każi fejn qabel vjaġġ kien idum tlett kwart jew anqas u issa qed jieħu siegħa u nofs.

Ma jistax ikun, li minħabba servizz ħażin, tfal/studenti, nies għal appuntamenti fi sptarijiet, ħaddiema biex immorru għax-xogħol, qed jaslu tard b'kosegwenzi xejn pjaċevoli.

Ma jistax ikun li ħafna ilmenti minn għaqdiet, Kunsilli Lokali u mis-soċjeta kollha in ġenerali, mhux qed jiġu konsiderati biżżejjed.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani ma jistax jibqa sieket. Billi t-Trasport Pubbliku jaqa' taħt l-umbrella tas-Servizzi Soċjali:

Jinnota, li issa għadda żmien biżżejjed sabiex ġej minn fejn ġej in-nuqqas jinstab rimedju mill-aktar fis possibbli biex is-servizz jitjieb aktar.

Jingħaqad, maċ-ċittadini l-oħra tas-soċjeta, speċjalment nies anzjani, li għal dawn l-aħħar tliet xhur batew bla bżonn meta kellhom jużaw dan is-servizz.

Jappella, lill-Arriva, Transport Malta u l-Ministeru konċernat sabiex din il-problema tkun solvuta għall-ġid ta' kulħadd.

Nassiguraw li tal-anqas is-servizz li qed jingħata dwar rotot u frekwenza jkun konvenjenti għall-pubbliku speċjalment għall-anzjani.

L-Anzjani tagħna jixirqilhom aħjar! Tilfu parti mill-mobbilita', għax marritilhom il-ħajra li jivvjaġġaw bla bżonn minħabba dewmien esaġerat u kjus fuq l-istejġiss, xarabanks li jkunu mballati bin-nies u affarijiet oħra.

It-Trasport Pubbliku huwa importanti ħafna kemm għaċ-ċittadini Maltin kif ukoll għat-turisti. Nibżu għalih!

Tislijiet,

Rose Sammut
Segretarja tal-Kunsill

cc. Transport Malta
Arriva
L-Onor. Mario Galea, M.P., Segretarju Parlamentari Anzjani u Kura fil-Komunita'

## IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JSELLEM LILL-ISQOF ANNETTO DEPASQUALE



*Annetto Depasquale*

Fit-22 ta' Novembru, 2011, tħabbret il mewt tal-Monsinjur Annetto Depasquale, l-Isqof Awżiljarju u Isqof Titulari ta' Aradi fl-għomor ta' 73 sena. Hu miet fid-dar tiegħu fl-3.45 p.m. f'Ħal Qormi.

Monsinjur Annetto Depasquale twieled f'Ħal Qormi fit-28 ta' Ġunju 1938 u rċieva l-edukazzjoni primarja fl-Iskola tas-Sorijiet ta' St Joseph fil-Belt, u l-edukazzjoni Sekondarja fil-Liċeo. Hu kompla bl-istudji tiegħu fl-Universita' ta' Malta u fl-Universita' Pontifiċja tal-Lateran fejn studja l-Liġi Kanonika u t-Teoloġija Pastorali. Hu għallem il-Liġi Kanonika fil-Fakultajiet tat-Teoloġija u tal-Liġi fl-Universita' ta' Malta.

Annetto Depasquale kien ordnat saċerdot fis-7 ta' April, 1962 u ta s-servizzi tiegħu fil-Kummissjoni Djar tal-Knisja, fil-Pastoral Research Services tal-Arċidjoċesi kif ukoll fil-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi. Serva wkoll fil-Parroċċa Nazzjonali għall-Kattoliċi tal-Lingwa Ingliża. Fis-6 ta' Awwissu, 1977 inħatar Kanċillier tal-Kurja u, fl-14 ta' April, 1986 inħatar Segretarju Pastorali. Fid-9 ta' Jannar, 1989 inħatar Vigarju Ġenerali. Fis 16 ta' Novembru, 1998 il-Papa nnominah bħala Isqof Titulari ta' Aradi u Isqof Awżiljarju ta' Malta. Hu kien ordnat Isqof fit-2 ta' Jannar, 1999.

**F'isem il-President tal-Kunsill, il-Membri u l-Anzjani kollha nagħtu l-kondoljanzi tagħna lill-Monsinjur Arċisqof Pawlu Cremona, u lill-familjari tal-Isqof Awżiljarju Depasquale u nwegħduhom li niftakru fih fit-talb tagħna.**

## LAQGĦA TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI F'GĦAWDEX



Il-Kusill Nazzjonali tal-Anzjani reġa' għal darb oħra għamel il-laqgħa - din id-darba ta' Novembru 2011, mhux bħas-soltu fl-Uffiċċju fil-Furjana iżda f'Uffiċċju fil-Ministeru għal Għawdex, fi Pjazza San Franġisk ġo Victoria.

Il-Kunsill qiegħed jipprova iżomm dan l-appuntament biex nuru r-rispett tagħna lejn l-anzjani fil-Gżira ta' Għawdex. Kif tafu, fil-Kunsill Nazzjonali, għandna lis-Sinjura Mary Anne Mizzi li tirrappreżenta lil Għawdex. Hija membru tal-'Friends of the Sick and the Elderly in Gozo' - għaqda li taħdem ħafna għall-ġid tal-Morda u l-Anzjani f'Għawdex. Il-President ta' din l-Assoċjazzjoni hu t-Tabib u Kirurgu John B. Pace, li kien mistieden.





Qabel saret il-Laqgħa il-membri tal-Kunsill għamlu żjara lid-Dar tal-Anzjani Rġiel, fejn wara joħroġ rapport u jiġi mibgħut lill-Ministru ta' Għawdwex l-Onor. Giovanna Debono.

# PRE-BUDGET DOC. 2012-08-09

**Carmel Mallia - President**
**National Council for the Elderly**

According to comments in the Forward by the Hon Minister the document 'strived to look at particular groups in society – THE ELDERLY, women, young people, persons with disability and the unemployed.

In chapter 2 'Maintaining Fiscal Sustainability and Economic Stability' there is a reference to the introduction of mandatory and/or voluntary pension systems which augment the state PAYG pension. This is considered as an important measure to encourage savings.

The Council has no objection to the introduction of a second and third pillar pension. However it has to be pointed out once more that all measures have to be put in place to guarantee that the first pillar state pension will be adequate for pensioners to continue living a quality of life they are entitled to as human beings.

It is appropriate to point out that a proper mechanism should be put in place to manage, control, scrutinize the operation of these pension systems for the benefit of the beneficiaries.

In the document it is envisaged that the Government is implementing Vision 2015 in order to create more and better jobs, help entrepreneurs, and provide the wealth that our country needs in order to continue investing in its priority areas. It is anticipated that the measures will enhance our Economic Growth.

The Council is focusing on one of the measures indicated in chapter 3, namely, 'Creating the right conditions for people to make their choices, achieve their potential and excel'.

Are older people included and entitled to make their choices in current circumstances?

Are older people accepted by employers including the Government to continue working on reaching retirement age? Is it true that in cases of redundancy from place of work, older workers are first targeted to be thrown out of work? Is training and learning available on the place of work so that older workers continue to learn and improve their skills? Finally, is the Government ready to amend our existing legislation and abolish mandatory retirement?

It is true, health plays an important part as to whether older people stop working or continue in employment. Older people can remain gainfully occupied if the conditions of work are appropriate, flexible and not strenuous. Employers need to change their mentality about the employability of older people especially now when the European Union, including Malta, are facing a demographic change. It has to be pointed out that presently there are about 85000 pensioners. About 3000 are engaged in a gainful occupation.

In this scenario, council members and the majority of senior citizens are not in a position to accept that older workers are being considered and encouraged to form part of the labour market. However, it has to be mentioned that the measure wherein a pensioner continues to be entitled to full pension if he/she remains in employment after retirement age was a step in the right direction.

It has to be pointed out that an increase in the number of older persons in the labour market means that the problem of the sustainability of our pension system will be mitigated to the benefit of all concerned.

## OPTIMISING THE ECONOMIC CONTRIBUTION OF MALTA'S HUMAN RESOURCES. - Chapter 4.

The problems leading to the exclusion of older workers from employment have been already identified early on

Malta has registered a notable improvement in respect of female employment yet it is still lacking behind when compared to other Mediterranean countries.

The measures focusing on the increase of female employment presented in previous budgets are positive and commendable. However they need further development.

## IRREGULARITIES AND ABUSES.

More workers especially women can be attracted to join the work force if the proper environment and conditions are put in place. The council has to draw the attention of the administration about the irregularities and abuses that are being taken place by certain employers not only in the conditions of work but also in the insurability of workers as regards the provision laid down in the Social Security Act.

It is a known fact that wages paid are very low, even below the minimum wage, and if workers dare to complain they are dismissed as redundant. As regards insurability there is an increase in the trend where

employers are engaging workers/women only if they accept the condition to work as self occupied and not as an employee.

The prevailing irregularities are not encouraging women to join the work force especially those who are not in dire financial needs.

On the other hand the victims of these abuses/irregularities, which are on the increase, face the following:

They are not entitled to Bonuses, vacation/sick leave and paid public holidays.

They are subjected to pay a social security contribution as self-occupied person instead of a contribution pertaining to an employed person. This means that they have to pay 15% of their net income instead of 10% of the wage earned as social security contribution.

This malpractice and abuse by some employers leads to fraud and evasion. The employer is receiving a service and is not contributing the 10% share as social security contribution in terms of law.

Urgent actions to control and stop these abuses/irregularities will encourage more women to join the labour force. Naturally our economic activity will be enhanced and our pension system will result to be more sustainable.

Another measure that should be considered to optimise the economic contribution of Malta's Human Resources is the regularization of legal immigrants in our labour market. It is a known fact that hundreds of immigrants roam in our streets to work illegally. They are an easy prey to exploit, to abuse and to maltreat when they are employed in various strenuous jobs. It is common to meet immigrants working in construction, roads, farming, cleaning and other jobs. They have no conditions of work, do not pay tax and social security contributions and in many cases receive low wages. This practice is considered to be the fertile ground where black economy thrives to the detriment to our society and to the benefit of those unscrupulous employers.

In the light of the above the utilisation of females and the inclusion of legal immigrants in our labour market will enhance our economic activity, and increase the government income through tax, vat, and social security contributions.

## SOCIAL INCLUSION AND SOCIAL PROTECTION – Chapter 6.

The document is planning to target and assist families and individuals who are experiencing a situation of vulnerability such as older people, children, persons with disability and households with low income.

The six social proposals indicted are very much welcomed as they form a part of the safety net for persons who are in need and therefore minimise the risks of poverty and social exclusion.

## RISK OF POVERTY

It is positive to note that help will be given to elderly people to carry out necessary adaptation work to their residence in order to render it more accessible.

A review of the supplementary assistance mechanism for the 65+ where the household income falls between the National Median Equivalised income levels is very much welcomed to address the risk of poverty problem.

However, the pre budget document failed to indicate what is the expected number of elderly people to be lifted out of the risk of the poverty problem.

Again nothing has been said about the Guaranteed National Minimum Pension which should be the equivalent to 60% of the Median Income.

We acknowledge and agree to the fact that widows and invalids born on or after 1$^{st}$ January 1962 were awarded GNMP as from 1$^{st}$ January of this year. However in case of current and future pensioners the effective date of payment of this pension will start from January 2027. This is unacceptable. The current rates of National Minimum Pension are very low and not adequate for pensioners to live in dignity. Therefore the GNMP should be paid to all pensioners at least from next year.

## SOCIAL PROTECTION

Pensions, Health and Long Term Care are pillars of the Social Protection. There are no proposals as regards Health and Long Term Care. In current circumstances where longevity and demographic change are regularly mentioned when dealing with issues on older people it was surprising to note that they are not included in the document.

## HEALTH AND LONG TERM CARE

In spite of this fact the Council wish to raise the following points on this social area.

From the positive side the Council acknowledge the following:

1. The outsourcing agreement with two local private hospitals where cataract operations will be carried out to ease the waiting list.
2. The rebuilding and refurbishing of different blocks at St. Vincent de Paul over the past years particularly the Dimentia Dept.
3. Home Help service for the Elderly.
4. Day Care and night Centres. In these places recreational and educational activities are regularly carried out to promote active ageing among the elderly.
5. Life Long Learning in the Community. In this area various local councils are providing opportunities for senior citizens to enhance further their education and knowledge particularly on I.T.

On the other hand the Council wish to record its disappointment and requests early improvements about the following:

a) Delays in knee and hip replacement cause a reduction in the mobility of older persons. Early action to solve this problem for the benefit of the patients concerned is appreciated.
b) Emergency Dept. at Mater Dei Hospital. Lack of hospital beds for patients needing hospitalization. There are cases where old persons have to wait for long hours on a stretcher as no bed is available.
c) More homes for the elderly are needed to meet the future growing demands in view of the fact that older people are living longer.
d) Independent Living. It is important to keep older people in their home as long as possible and therefore delay their entry into an Old People' Home. Measures should be put in place to protect and provide a health service through home visits especially in cases where the mobility of the person is restricted. Local Councils can be a part of this service to the community as they can easily have a data base with records about elderly people living in the area.
e) Home Help. Home help is a useful and deserving service for persons advanced in years and live alone as it keeps them in their home and environment as long as possible. The council propose that if the demand for this social benefit in kind has increased the extension of the service is highly recommended.

In the pre-budget document there is a reference that the government is to continue working on the pension reform programme.

We had meetings with the Pension Working Group and presented documents about the changes and measures to be carried out in our pension systems. We presented our views, forwarded our suggestions and also registered our disagreements on this issue.

Our general comments about the Pension Reform covered Insurability, Adequacy and Sustainability of Pension, GNMP, Yearly Reassessment of Pensions, Survivors Pension, Service Pension, and most important about the Maximum Pensionable Income.

Up to now we have not been informed about the outcome on this delicate matter and therefore we are not in a position to comment further on the reform

## SERVICE PENSION

In the document there is a commitment that once more the government will implement the measure to waive off part of the service pension from the calculation of the social security pension.

About the Service Pension the Council wish to raise the following points.

The current practice of waiving off the amount of 200 euro is very low and should be increased.

There should be an amendment in section 2 of the Social Security Act wherein it provides that the waiving off of any amount should be carried out on a regular basis. On this matter there should be prior consultations between the Council and the Administration about the amount which should be considered to be waived off. Pensioners who are entitled to a service pension are taking back their own money very slowly and this just measure should not remain at the discretion and mercy of the government of the day.

Other injustices and inequalities about the service pension are mentioned in the report about the Pension Reform.

## CONCLUSION

The council supports the views of the Hon. Minister where in the forward of the documents he stated "We want no one to lag behind and everyone to benefit from economic growth and job creation. Economic and Social progress must walk hand in hand."

In the circumstances let us work together to achieve what we are aiming for. These targets form the base where solidarity and social justice can thrive to the benefit of all members of our society.

# POST BUDGET DOC 2012

The National Council for the Elderly welcomes the following measures of the Budget.

HEALTH  Lower prices for medicine. Free medicine for Dimentia patients, the promise to tackle the waiting list of elderly people needing hip replacement and cataract operations.

PENSIONS The full increase of cost of living; another 200 euro to be waived off from service pension; widows who re-marry are entitled to six years benefit instead of five.

INDEPENDENT LIVING A surprise benefit of 300 euro p.a. for each elderly person over the age of 80 who continue to reside in his home.

The waiving off of Vat and income tax exemptions for elderly people are welcomed too.

The increase of night shelters for older people is also considered a good measure.

It is also important to register also our concern on the Budget.

In the comments which were prepared for the Pre-Budget document we pointed out to the Minister of Finance that Pensions, Health, and Long Term Care were not given sufficient consideration in view of the fact of an ageing population. As already pronounced in our pre-budget documents Social Protection depends on these three pillars.

As regards the Pension Reform there is nothing in the Budget though it deals mainly on the income security of the pensioners. It has to be pointed out that in order to tackle the poverty problem there is an urgent need to introduce the Guaranteed National Minimum Pension.

Further improvements should be considered to improve the problems faced by pensioners who are entitled to a service pension.

People are living longer and enter the fourth age. Measures should be put in place to keep older persons in their homes as long as possible. The provision of Long Term Care to the elderly in our society is not only an economic measure as it creates jobs but it can be considered a social factor which is welcomed by the senior citizens who prefer to stay in their home and environment rather then move in Old People's Home or Institution. The training and compensation to formal and informal carers in this sensitive area play an important part for the success or otherwise of Long Term Care.

We are preoccupied by the fact that there is no indication in the budget that the government is going to intensify the enforcement machinery within certain departmental structures to stop or reduce abuses/ irregularities by certain employers in the conditions of work offered and to comply within the parameters of the social security act re insurability of workers.

This important action together with the collection of more revenue from VAT, INCOME TAX, SOCIAL SECURITY CONTRIBUTIONS etc, can be considered a step in the right direction to sustain Pensions, Health, and Long Term Care. According to statistics there is about 1.6 billion Euro from where government can collect more revenue.

## EMPLOYMENT OF OLDER PEOPLE

The family friendly measures put in place in the Budget to attract more women to return to employment can be considered as the focus point and most attractive feature of the document. It is a step in the right direction to increase the employment rate of females.

However, as representatives of older people, the Council wish to register his disappointment about lack of initiatives, drive and awareness on the part of the Government to promote the need to keep older workers and pensioners in employment as long as possible. It is true that now a pensioner can continue working and does not lose his right of entitlement to a pension. This is the first step forward but it is not enough. As a model employer the Government should take action to abolish mandatory retirement thus opening the way for everybody who Voluntarily wish to stay in employment after attaining pension age.

As in the case of women, incentives must be put in place to encourage employers to employ or rather keep in employment those workers who prefer to stay on.

The ETC, our employment agency, should embark on a campaign to educate and raise awareness among employers and unions about the employability of older workers. They can be useful, responsible and productive in various fields of economic activity. Elderly people are a resource and not a burden to society.

In the current economic crisis it has to be mentioned that many of the 85000 population of elderly people are still contributing to our society. As customers of goods and services as well as providers in various area of employment, in voluntary work or as carers the elderly are also contributors to Malta's economic growth.

# IL-BAĠIT 2012 U L-ANZJANI

**Helen Borg Bonnici**
**20.11.2011**

Il-Baġit 2012 ġie mħabbar f'pajjiżna t-Tnejn, 14 ta' Novembru 2011. Għall-benefiċċju tagħna l-Anzjani, ser nagħtu xi tagħrif ġenerali. Nafu li dan il-baġit kellu ħafna inizjattivi favur il-Familja, In-Nisa, l-Anzjani, is-'Self Employed', il-Ħaddiema, in-Negozji Żgħar u anke l-Investituri. Kien mibni fuq ix-Xogħol, l-Edukazzjoni, l-Ambjent, is-Saħħa u t-Turiżmu.
Wieħed xieraq li jiftakar li dan il-Baġit kien maħsub biex jitnaqqas id-dejn tal-pajjiż kemm jista' jkun fil-waqt li jitkabbru l-ekonomija u l-finanzi.

F'dak li jolqot lilna l-Anzjani, tajjeb li nkunu nafu x'kien fih il-baġit.

- Żieda sħiħa għall-Għoli tal-Ħajja ta' € 4.66 fil-ġimgħa
- Għoti ta' €300 fis-sena lill-Anzjani 'l fuq minn 80 sena li jibqgħu jgħixu f'darhom.
- Tkompli tissaħħaħ u tespandi l-iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek.
- Tkompli tkun indirizzata l-anomalija tal-Pensjonijiet tas-Servizz bi tnaqqis ta' €200 oħra tul din is-sena.
- Anzjani fi Djar Privati – Għandhom ezenżjoni ta' Taxxa li titla' b'€500 oħra għal €2,500.
- Day Care Centre ieħor għall-Anzjani fil-Gżira u pjani għal tlieta oħra.
- Titneħħa l-VAT fuq il-'Private Nursing' u l-'Home Help' offruti mill-Privat.
- Ikompli x-xogħol biex l-Isptar Zammit Clapp isir Nursing Home għal 112 il-Resident.
- Dar Ġdida għall-Anzjani f'Birkirkara.
- 2 Ċentri Ġodda ta' Matul il-Lejl.
- Blokk ġdid f'San Viċenż de Paule 'Dimentia Friendly'.
- Strateġija Nazzjonali fuq id-Dimensja u 'Day Respite' għal min ibati minnha.
- Taħriġ għall-Ħaddiema u 'Carers' li jaħdmu mal-Persuni li jbatu mid-Dimensja.
- Aktar Tisbiħ fir-Residenza San Vicenz de Paule.

Insemmu wkoll:

- Titneħħa l-Liċenzja tat-Televixin.
- Pensjonanti li jaħdmu 'Part Time' mal-Gvern iħallsu 15% ta' rata ta' Taxxa.
- Estensjoni ta' sena, kull sena, għar-Romol biex jibqgħu jibbenefikaw għar-rata fissa tal-Pensjoni tar-Romol anke wara 5 snin li jerggħu jiżżewġu.

Nittamaw, li ma ndumux ma naraw li l-Pensjoni Minima Adegwata għall-Anzjani tkun iffissata biex il-ħajja tagħna tkun waħda aktar dinjituża u ta'serħan il-moħħ.

## PENSJONANTI LI ĦALLEWNA - R.I.P.

**Sultana Major John (Santa Lucia)**

**Lina Attard (Fleur De Lys)**

# L-Anzjani vs Il-Kriminalita' (It-Tielet Parti)

**Minn Anthony J, Saliba – l-Ibraġ**

Issa li tajna ħarsa lejn kif wieħed jista' jippreveni delitti li jsiru kemm fuq il-persuna kif ukoll fuq il-propjeta', wasalna sabiex naraw kif wieħed għandu jipproteġI lilu nnifsu fejn jidħol l-ambjent tal-kummerċ. Jien persważ li ħafna minna kellna karriera (jekk mhux tul għomorna) fil-kummerċ. Irrid naħseb li wkoll ħafna minnkom għadkom teżeriċtaw dik il-professjoni, sew jekk f'isimkom sew jekk f'isem ħaddieħor.

**STATISTIKA**

Statistika internazzjonali turi li hawn wieħed minn kull mitejn ħaddiem li huwa kriminalment diżonest f'xogħlu. Din hija n-natura fil-bniedem u l-ebda ħadd ma jista' jipperfezjonaha. Dawn jaħdmu kontra s-sidien jew għal rashom jew b'għajnuna esterjura, bħal per eżempju fil-kompliċita' tal-ġarr ta' merkanzija illeċita, 'il barra mill-binja kummerċjali jew industrijali. Li wieħed jerġa' jieħu lura dik il-propjeta' li naqsitlu ftit hemm ċans. Ma ninsewx li l-bibien ta' wara huma miftuħa għal kulħadd!

**NUQQASIJIET**

Hemm nuqqasijiet minn naħa ta' dawk responsabbli meta jkunu qegħdin jipparteċipaw fit-tqassim tal-prodotti lill-konsumatur, jew lil tal-ħanut, meta l-vetturi tal-ġarr tal-merkanzija jitħallew mhux imsakkra. Ser insemmi xi ftit min-nuqqasijiet li jistgħu jissarrfu fi spejjeż żejda għall-kumpannija u ġieli wkoll f'waqfien ta' produzzjoni:-

1. Ċwievet jiġru 'l hawn u 'l hemm ;
2. Twieqi u bibien jitħallew miftuħin meta suppost li jkunu msakkra;
3. Dokumenti ta' relevanza kummerċjali mitluqa bl-addoċċ - dan iservu ta' gwadann għall-kompetitur;
4. Dokumenti li jintremew SĦAĦ meta hawn mezz kif wieħed jista' jeqridhom għal kollox (dettalji konfidenzjali dwar 'marketing', bejgħ u xiri, jiġuni f'moħħi);
5. Jistgħu jittieħdu kopji tal-imsemmija dokumenti sensitivi mingħajr ma wieħed jinduna; u
6. Kif ukoll riskju kbir li ssir ħsara fl-istors, prodotti, makkinarju u fl-impjant innifsu.

**BŻONNIJIET**

Jekk ms jkunx hemm stima kontinwament tar-riskji, aktar viġilanza bl-Ingliż 'awareness', u użu massimu ta'sigurta' permezz ta' nies imħarrġa għal tal-apposta, dak li jirriżulta jkun ta' dannu kemm għall-individwu u kemm għall-kumpanija. Mela hemm bżonn li jkun hemm xi ħadd li fuqu taqa' din ir-risponsabbilta' sabiex l-azjenda timxi 'l quddiem. Fil-qosor id-dmirijiet ta' din jew dawn il-persuni jibda mill-bieb jew dħul prinċipali billi:

a) jirregola d-dħul u ħruġ tal-ħaddiema, viżitaturi u merkanzija;
b) fir-ronda tagħhom jieħdu ħsieb jaraw li l-konfini tal-azjenda mhumiex mittiefsa u li perikli tal-impjant ma jkunx hemm billi juża s-sensi ta' smigħ. vista u xamm;
ċ) jitfi dwal mixgħula għal xejn;
d) jaċċerta ruħu li l-bibien ta' kontra n-nar ikunu magħluqa sew;
e) jgħaddi r-rapporti urġenti lil min hu responsabbli (e.ż. ħsara u alarm f'boilers lill-inġinier);
f) jirrapporta dak li jidhirlu li huwa ta' ħela;
ġ) ma jħallix nies f'postijiet fejn suppost li ma għandhomx ikunu; u
g) jħalli t-timbru tiegħu ta' fejn kien għadda billi juża l-mezzi provduti mill-azjenda e.ż. arloġġi tal-ħin, eċċ.

**GĦELUQ**

Nittama li b'dawn id-daqxejn ta' versi daħħaltkom fl-ispirtu ta' x'inhi s-sigurta' biex b'hekk wieħed ikun jista' jgawdi u jaqsam il-frott tal-ħidma tiegħu ma' sħabu tal-kumpannija u sabiex din tkun tista' timxi 'l quddiem.

Inselli għalikom u nawguralkom is-sena t-tajba.

# NIFTAKAR

**Ġrajja miktuba mis-Sur William Bonello, meħuda mill-ktieb, 'Meta Konna Żgħar', fejn fih insibu għadd ta' ġrajjiet tal-gwerra mfakkra mill-membri ta' l-Universita' tat-Tielet Eta'.**

Meta bdiet il-gwerra f'Settembru, 1939, kont naħdem ta' apprendista fit-Tarzna, u meta l-gwerra xterdet u laħqet lil Malta kont fuq il-post tax-xogħol tiegħi.

Kien qrib is-7a.m. meta daqqet is-sirena u kulħadd beda jiġri biex isib kenn. Niftakar, jien kont bqajt ġol-ħanut tax-xogħol, u l-kenn tiegħi kien billi qgħadt wieqaf taħt il-blata ta' bieb u żammejt il-maskra tal-gass f'idejja, għax dak iż-żmien il-gass kien il-biża'. Ma konniex nafu kif jisplodu il-bombi: min daħal taħt xi karru mingħalih "safe".

Niftakar li meta spiċċa l-ewwel *raid* mort niġri fiċ-*Church Tunnel.* Din kienet tikkonsisti f'daħla bis-saqaf tax-xorok, iżda x'uħud minnhom kienu maqsuma u b'xi ħadid tirfed ix-xorok.

Meta ġew l-ajruplani bdew jgħoddsu fuq in *No. 1 Dock*. Fejn illum hemm l-arloġġ kien hemm *anti-aircraft gun* u dan fetaħ fuqhom. In-nies mingħalihom li meta jaraw l-ajruplani neżlin kienu qed jinqerdu, u kulħadd iċapċap u jgħajjat: "Kuraġġ, il-Madonna magħhom".

Dik kienet l-ewwel esperjenza tiegħi tal-gwerra.

Darba kont qiegħed ġo biċċa xelter, bħal bir, taħt id-dar tal-Kaptan ta'Sant' Anġlu, u ġie l-ewwel rejd fuq l-*Illustrious* (fis-16 ta' Jannar, 1941), u tista' timmaġina meta ġew xi bombi qrib dan ix-xelter. Bumbardament qawwi fuq l-Isla. Kien waqa' ħafna bini u mietu ħafna nies.
Meta spiċċa l-*air raid* kien hemm il-Kaptan u l-*Commander* iduru il-fortizza, u meta konna ħerġin minn dan il-bir xelter, bdew jgħajtu magħna għax mhux suppost li dħalna fih dan is-sura ta' xelter. L-art tal-madwar kienet mimlija *splinters.*

Ftit wara kont tlaqt mid-Dockyard u dħalt fil-Pulizija. Sibt li, minn ġot-taġen, waqajt għal ġon-nar.

Kont stazzjonat fil-H.Q. tal-Pulizija fi Fleur-de-Lis (oriġinarjament l-Istitut Vincenzo Buġeja). Darba minnhom f'xi l-11.00p.m. inqala' *air-raid* u meta nżilna fl-bitħa naraw il-ħanger tal-ajruplani ġewwa Ħal Luqa ħuġġieġa waħda, u l-Belt Valletta kienet qisha Ruma qed tinħaraq.

Irkibna l-karrozza u ġbidna lejn il-Belt. Meta wasalna eżatt fejn il-Bieb tal-Bombi kien hemm il-barrikati, u qalulna biex nieqfu. Kellna l-azzarini ma' wiċċna. Pero', kellna l-Ispettur magħna u dan spjegalhom min konna u fejn konna sejrin, għax allavolja konna bl-uniformi ta' pulizija, xorta waħda riedu jiċċekkjaw.

Fejn l-ewwel siġra kif tħalli l-Bombi kien hemm *fire-engine* maqlub ġo crater kbir ta' bomba. Aħna bqajna sejrin il-Belt.

Inżilna mill-karrozza u mmarċjajna sa fejn il-Knisja ta' San Franġisk. Is-Surġent għamlilna r-*roll call* u lili bagħtuni b'ħabel li jorbtu l-vapuri bih, biex nagħlaq Triq Zakkarija ma' Triq Britannika.

Meta spiċċajt, mort Strada Rjali u nara tliet suldati jilagħbu ma' *cash register* biex jieħdu l-flus, għax ftit qabel kienu ġew xi bombi u tkissru ħafna bibien u armaturi tal-ħwienet. Jien ħadtilhom il-flus (xi £40) u mort biex nikkonsenjahom l-għassa ( li dak iż-żmien kienet fejn il-lum hemm il-Qorti), iżda meta ġejt biex nidħol, bqajt nieżel ġol-kantina għax bil-*blast* tar l-isprall! Jien bdejt ngħajjat biex itellgħuni. B'xorti tajba li ma bqajtx mejjet!

Ġara wkoll li fil-Qorti kienet ġiet balla u kien hemm il-mara tiegħi mirduma fix-xelter tal-qrib, waqt li jien kont fil-kantina. Pero' dak iż-żmien kont għadni ma nafhiex lill- mara tiegħi. Wara qaltli b'din l-istorja.

Niftakar li meta kont fl-*Emergency Station* tal-Pulizija kienu jeħduna neskortaw il-braken, u darba, waqt li l-lanċa kienet qegħda tirmonka xi sitt braken biex iħottu mill-vapur għal fuq il-moll, jagħti *air raid* u kif kien jonqosha biċċa mhux ħażin biex naslu fejn il-vapur, il-*bosun* tal-lanċa ħall il-ħbula tal-braken biex iħaffef jiġri għax-*shelter,* u jien bqajt fuq l-aħħar barkun, u bl-ajruplani ġejjin biex jibbumbardjaw lil dawn il-vapuri. Pero' niftakar li għidt talba u r-riħ ħadna mal-ġenb tal-vapur. Iggranfajna ma' sellum tal-ħabel, qsamt minn fuq il-vapur, inżilt l-art u bdejt niġri b'kemm niflaħ għax-xelter.
Il-Bambin ħelishieli!

Darba oħra kont qiegħed *orderly* fl-Isla. Inqala' rejd bil-lejl u mort ġox-xelter. Ġie bumbradament fuq destrojer fil-ponta tal-Isla. Laqtuha u ħadet in-nar. Bdiet tegħreq u l-baħrin bdew jaqbżu l-baħar. Peress li l-bombi kienu jaqtgħu l-komunikazzjoni bejn l-Isla u l-Birgu, kelli mmur niġri biex ninforma lis-Supretendent x'ġara. Dan kien qiegħed ġo xelter fil-foss tal-Birgu. Tista' timmaġina x'periklu kont fih: dlam ċappa u bombi ma ħadux.

Fl-aħħar, meta wasalt Bormla fejn hemm il-pjazza tar-Rialto, nibqa' nieżel rasi 'l isfel ġo *crater* daqsiex, u niġi ma' statwa ta' Sant' Andrija wiċċi 'l fuq. Sirt kolli tajn u mbenġel u ma stajtx inkompli nimxi bil-ħerba li kien hemm. U mort lura.

Darba kont sejjer mill-Furjana għall-Bormla bil-mixi. Kont dieħel *duty*. Meta wasalt fil-pjazza ta'Casal Paola, għamel "air raid" u nżilt ġo xelter. Pero' tatni fernesija: kulħadd igħajjat u jibki. Tlaqt waqt l-*air raid* u sibt karrozza sejra lejn Bormla. Waqqaftha u tlajt fiha.

Meta wasalt taħt il-mina ta' Bormla sibt li kien hemm straġi sħiħa. Insib tifel mejjet taħt il-bankina bl-ilma għaddej minn fuqu. Ieħor sar biċċiet fejn l-*antiblast wall* ta' xelter li qiegħed taħt is-sur; raġel minxur mal-art taħt il-mina. Dan kien qiegħed fil-bieb ta' xelter fejn kont inkun jien. Dort biex nara nistax ngħinu u dak il-ħin rajt xena terribbli. Waħda minn idejh kienet imtajra għax, għalkemm il-bomba ġiet barra 'l mina, tajret ħafna *splinters* għal taħt il-mina; imsarnu barra; baħar ta' dmija; it-tifel tiegħu jibki fuq missieru.

Kif rawni n-nies u kien hemm ħafna suldati, bdew jgħiduli biex nara x'nagħmel. Jien għedt lix-xufier ta' xarabank biex jgħini neħduh l-isptar iżda dan ma riedx jiġi għax kien għad hemm il-periklu : kien għad hemm imtella' l-bandier ħamra.

Niftakar kont għamiltlu l-*first aid.* Qbadt il-maktur, għamiltu fuq imsarnu u daħħaltlu kollox ġewwa; anke idejja baqgħu deħlin. Pero', kif konna qegħdin nerfgħuh, għax kien hemm suldat għamilha ta' volunteer, ġew tal-A.R.P. u ħaduh huma. Biss miskin kien laħaq miet!.

Wara ġie xiħ u qalli: "Ma rajtux it-tifel tiegħi hux, għax xtrajtlu pipa taċ-ċaqquf! Jien għedtlu li ma nafx. Pero' kien hemm raġel ieħor u qalli li dak it-tifel mejjet, kien ibnu!

Fl-ewwel ta'Novembru, 1942, kien ġie *air raid* qawwi fuq il-Belt u mlew it-toroq b'ħafna bombi żgħar qishom *thermos-flasks*, u tawna ordni biex niġbruhom, u trid tara kemm kien hemm pulizija jġorru xi sitt bombi f'idejhom u jeħduhom fejn illum hemm it-teatru mwaqqa'.

Meta figħodu ġie l-*Bomb Disposal Officer* biex jara x'jagħmel bihom, ried jaf min kien tal-ordni biex nerfgħuhom, għax dawn kienu perikolużi ħafna. Infatti kien hemm tlieta minn nies li mietu bihom: waħda kienet qed tiftaħ il-bieb tal-bejt, laqtitha, splodiet u qatlitha. Niftakar li qalilna li kulħadd għandu jibqa' jiftakar dik il-ġurnata li fiha, bi grazzja t'Alla, ma kien korra ebda pulizija.




***Il-pjanta tal-*E-boats *(Explosive Boats) biex jippenetraw il-Port il-Kbir, fi tlugħ ix-xemx, 26 ta' Lulju, 1941***
**(Ritratt:** ***N.W.M.A.)***

Darba ħriġna grupp f'nofs ta' lejl għax kien u laqtu l-Bini tal-Balluta (ħdejn il-Knisja tal-Karmnu, f'San Ġiljan) u waqt li kont *duty* min-naħa ta' wara ġie wieħed tal-A.R.P. ixejjer dawl ta' *torch-lamp* lejn l-art, u f'daqqa waħda beda jgħajjat "ara bomba, ara bomba" u ndawwar wiċċi u nsib bomba ftit 'il bogħod minfejn kont qiegħed! Mort niġri ngħid lill-Ispettur biex iċempel ħalli jara jistgħux jiġu jneħħulha l-*fuse.* Kieku ħadet kont insib ruħi għand Alla!

Fl-aħħar kont għassar-Rabat u darba bagħtuni għassa mal-priġunieri Taljani fl-isptar tal-Imtarfa. Kont nogħqod nitkellem magħhom. Meta darba staqsejthom kif kienu ġew biex jattakawna mill-port, dawn irrispondewni. "Aħna ġejna għax qalulna li Malta spiċċat u tistgħu tidħlu fil-port faċilment. Meta avviċinajna l-port, għall-ewwel ħsibna li veru, għax tista' tgħid li konna wasalna biex nidħlu. Pero' din kienet nasba biex nidħlu aktar fir-*range* tagħhom, u f'daqqa waħda donnhom infetħu bibien l-infern. Min bagħatna kien daħak bina".

# IL-GRAN MASTRU L'ISLE ADAM U L-KNISJA TA' ĠIEŻU TAL-PATRIJIET FRANĠISKANI MINURI FIR-RABAT

**Tagħrif miġbur minn Peter Paul Ciantar**



Bħal ma jaf kulħadd, l-ewwel Gran Mastru ta' Malta kien Philip Villiers de L'Isle Adam. Dan għandu rabta qawwija mal-Kunvent u mal-Knisja Ta' Ġieżu fir-Rabat.

Dan il-Gran Mastru, meta kien jitla' l-Imdina jew inkella biex jistrieħ xi ftit mill-ħidma tiegħu f'Sant' Anġlu, kien imur f'waħda miċ-ċelel tal-Kunvent tal-Patrijiet Ta' Ġieżu fir-Rabat. Il-Gran Mastru L'Isle Adam miet proprju f'din l-istess ċella Ta' Ġieżu (lemin) fit-21 t'Awwissu 1534 ... ftit iżjed minn tliet snin wara li kien ġie Malta. Fuq il-bieb taċ-ċella hemm lapida li turi dan u fuqha hemm kwadru sabiħ u antik tal-Gran Mastru L'Isle Adam.

Forsi wieħed jistaqsi għaliex L'Isle Adam kien għażel il-Kunvent Ta' Ġieżu fir-Rabat. Tajjeb li hawn wieħed jiftakar li l-Ordni tal-Kavallieri kellu rabta mal-Art Imqaddsa. Il-Kavallieri kienu d-difensuri tagħha. Nafu wkoll li l-Patrijiet Franġiskani Minuri huma dawk il-patrijiet li għandhom responsabiltajiet f'din l-Art Imqaddsa. Għalhekk naħsbu li dan kien il-ħsieb tal-Gran Mastru L'Isle Adam li jagħżel dan il-Kunvent Ta' Ġieżu --- peress li dawn il-patrijiet kienu wkoll il-patrijiet li jinstabu lil hinn.

## Il-Kunvent tal-Patrijiet Ta' Ġieżu fir-Rabat



Il-Gran Mastru L'Isle Adam jidher ukoll li ta għajnuna finanzjarja biex il-kjostru ta' dan il-Kunvent ta' Ġieżu seta' jinbena. Fil-fatt, f'post minnhom, f'rużetta ma' nofs l-arkati ta' naħa minhom fis-saqaf insibu d-data 1533 (ritratt lemin). F'din id-data, il-Gran Mastru kien jgħix ħafna miż-żmien tiegħu f'dan il-Kunvent.




Mal-mewt ta' L'Isle Adam, l-ewwel Gran Mastru ta' Malta, il-ġisem tiegħu ġie bbalzmat u l-interjuri tiegħu tpoġġew ġo vażun li tpoġġa ġo toqba fil-pilastru tal-Knisja Ta' Ġieżu.

Quintinus, li kien wieħed minn tal-kummissjoni li ħejjiet ir-rapport dwar il-Gżejjer Maltin, kien kiteb skrizzjoni bil- Latin u din tqiegħdet mal-ħajt u wieħed għadu jista' jaraha sal-ġurnata tal-lum. L-iskrizzjoni tgħid li f'dak il-post kienu tqiegħdu l-interjuri tal-Gran Mastru L'Isle Adam li miet fil-Kunvent fil-21 t'Awwissu, 1534. Fuq l-iskrizzjoni hemm ukoll l-arma ta' L'Isle Adam.




***Il-lapida li turi li f'dak il-post hemm l-interjuri tal-Gran Mastru L'Isle Adam***

# L-AKBAR PITTURA TA' SAN PAWL F'MALTA QIEGĦDA FIR-RABAT

Il-Knisja Kolleġġjata San Pawl fir-Rabat għandha diversi tifkiriet li, naturalment, ifakkruk fl-Appostlu tal-ġnus (San Pawl); u fost dawn wieħed isemmi s-saqaf tal-korsija ta' din il-knisja prinċipali ta' dan il-lokal sabiħ u arjuż. Ftit jafu li San Pawl impitter fis-saqaf tal-korsija ta' din il-knisja huwa l-akbar San Pawl impitter f'pajjiżna. Din il-pittura hija ta' Eliodoro Coccoli.



*Ritratt meħud minn John Scerri*

F'din il-pittura Coccoli kien oriġinali għax warrab fil-ġenb l-idea tal-kwadri kif is-soltu nafu lil San Pawl. Il-pittur Coccoli, li f'din il-knisja għandu xogħlijiet oħra, pitter lil San Pawl fil-glorja tiegħu fit-tul kollu tas-saqaf tal-korsija. U anke d-dehra ta' San Pawl hija dehra maestuża. Fil-ġnub ta' din id-dehra ta' San Pawl, il-pittur Coccoli daħħal ukoll bosta personaġġi li kellhom rabta mal-ħajja ta' San Pawl u l-aktar mal-missjoni evanġelika tiegħu.

Tajjeb ukoll li wieħed isemmi li meta sar dan ix-xogħol, fir-Rabat kienu nħolqu diversi polemiki u argumenti dwar din il-pittura u l-kompożizzjoni tagħha. Fil-fatt, l-abbozz ta' din il-pittura, li qiegħed fil-Mużew Wignacourt, huwa bil-bosta isbaħ u aħjar minn dak li jidher fis-saqaf tal-korsija. Wieħed jistaqsi: mela għaliex il-pittura tas-saqaf mhix bħal tal-abbozz? Naħseb li r-raġuni hija l-flus. Wieħed irid jiftakar fil-faqar li kien hawn f'pajjiżna f'dawk iż-żminijiet; allura naħseb li l-pittur Coccoli ġie mġiegħel ibaxxi l-prezz u għamel il-pittura aktar sempliċi u tefa' lil San Pawl qalb qabda sħab (ritratt).

Din il-pittura ta' San Pawl fis-saqaf tal-Knisja San Pawl fir-Rabat saret fi żmien il-Kappillan Buħagiar. Il-Kappillan Buħagiar kien ħabib ħafna tal-Isqof Mauro Caruana u dan l-Isqof ta' Malta kien strumentali biex Coccoli jiġi Malta mill-Italja. Naturalment l-Isqof Caruana ġab lil Coccoli għall-Knisja tiegħu, (San Girgor f'Tas-Sliema), fejn il-pittur Taljan għandu verament xogħlijiet tajba. Xogħlijiet oħra ta' dan l-istess pittur jinsabu wkoll fil-knisja prinċipali ta' Birżebbuġa.

Ngħidu wkoll li Eliodoro Coccoli huwa pittur u dekoratur Taljan ta' importanza. Huwa twieled fi Brescia fl-1880 u miet fl-1974 fl-età sabiħa ta' 94 sena. ħadem ħafna fl-Italja u anke barra mill-Italja, fosthom fl-Isvizzera u naturalment f'Malta fejn, fil-Knisja San Pawl tar-Rabat, tana diversi xogħlijiet, fosthom din l-akbar pittura ta' San Pawl f'pajjiżna.




## *Kif tevita l-waqgħat fl-anzjani.*

**Fid-dar kollha**

- ❍ Neħħi t-tapiti zgħar li m'humiex imwaħħlin mal-art.
- ❍ Waħħal dawk it-tapiti li tixtieq izzomm b'tape apposta fit-truf tat-tapit u ċċekkja t-tape regolarment.
- ❍ Neħħi wires u oġġetti oħra mill-art li tista' titfixkel fihom. Oqogħod attent li ma titfixkilx f' xi 'pets' mixħutin fl-art.
- ❍ Imsaħ kull ilma li jista' jaqa fl-art mill-ewwel u oqogħod attent minn xi żlieq wara li tkun ħsilt l-art. Tużgħax polish mal-art u dejjem żomm mop viċin tiegħek.
- ❍ It-turġien m'għandhomx ikunu għolljin aktar minn seba' pulzieri. Jekk għandek tapit tat-taraġ, jew tneħħieħ jew inkella ara li jkun imwaħħal sew.
- ❍ Waħħal poġġaman sod mat-taraġ.
- ❍ Kun ċert li t-truf tat-turġien jidhru sew. Fit-tarf ta' kull tarġa tista' twaħħal tape ikkulurit jew strixxa ta lastiku apposta li ma' jiżloqx.
- ❍ Oħloq kuntrast fil-kulur tal-ħajt u l-art. Kulur aktar ċar għall-art huwa aħjar.
- ❍ Ara li għandek biżżejjed plakek tad-dawl biex tevita li jkollok wires jiġru fl-art. żid il-plakek skond il-bżonn.
- ❍ Jekk hemm bżonn ċaqlaq is-switches tad-dawl biex ma' jkollokx għalfejn timxi fid-dlam.
- ❍ Neħħi r-roti li jista' jkolloik fl-għamara u ara li għandek spazju biżżejjed fejn timxi bejn l- għamara. Iżżomx ma' l- għamara biex timxi.
- ❍ Imwejjed tal-ħġieġ huma perikolużi billi dawn jistgħu jikkawżaw aktar korriment jekk jinkisra wara xi waqa'.
- ❍ Tużgħax siġġijiet li huma baxxi ħafna jew diffiċli biex tqum minnhom.
- ❍ Irranġa t-telephone li jkun jista' jintlaħaq minn mal-art. Jekk għandek it-Telecare ilbisha dejjem. Tajjeb li jkollok aktar minn extension tat-telephone wieħed, ez. Extension żejjed fil-kamra tas-sodda.
- ❍ Istiva l-affarijiet li l-aktar tuża' f'post komdu li jintlaħaq faċli u evita li jkollok toqgħod tuża sellun jew skalapiża.
- ❍ Jekk tuża xu bastun jew 'walking aid' użaha dejjem bil-mod korrett kif jgħidulek it-terrapisti. Iżżomx ma' l-għamara biex timxi speċjalment jekk din ikollha r-roti.

**Bedroom**

- ❍ Ara li għandek aċċess għal 'switch' tad-dawl li jintlaħaq mis-sodda. Tajjeb ukoll li jkollok 'night lamp' tixgħel bil-lejl. żomm 'torch light' ħdejn is-sodda għal meta jinqata d-dawl.
- ❍ Ara li għandek aċċess għad-dawl li jintlaħaq b'mod komdu bil-lejl speċjalment fil-passaġġ li jagħti lejn il-kamra tal-banju. Tħallix tapiti żgħar fejn is-sodda jekk mhux imwaħħlin sew bit-tape fit-trufijiet kollha.
- ❍ Ara li jkun faċli li tidħol u toħroġ mis-sodda bla tbatija. Tqumx f'daqqa mis-sodda -itla ftit bilqiegħda.
- ❍ Fejn is-sodda, poġġi siġġu sod li għandu l-idejn biex tkun tista' tpoggi u tilbes fuqu.
- ❍ Jekk il-kamra tal-banju hi 'l bogħod tista' tuża 'commode'.

**Bathrooms**

- ❍ Waħħal 'grab rails' b'saħħithom fix-xower, ħdejn il-banju u t-toilet.
- ❍ Uża tapiti tal-lastiku apposta fil-banju, fix-xower u barra l-banju u-xower biex tevita żlieq.
- ❍ Għal aktar kumdita' biex tuża' t-toilet, ista' twaħħal 'toilet seat raise' skond il-parir u l-qies li jissuġġerulek it-terapisti.
- ❍ Uża sapun likwidu flok sapuna billi s-sapuna tista' tiżloq u taqa fl-art. Tajjeb li jkollok stool fix-xower u ara li l-affarijiet bħal xugaman etc. tkun tista' tilħaqhom.
- ❍ Jekk għandek xower ipprova elimina t-tarġa biex tidħol
- ❍ Issakkarx il-bieb tal-kamra tal-banju.

**Ħwejjeġ**

- ❍ Iż-żraben għandhom ikunu komdi, jiffitjaw f'saqajk tajjeb, bil-qiegh ma jiżloqx, bla tkaken twal u magħluqin minn wara. Tilbisx papoċċ li jkun laxk wisq ma saqajk.
- ❍ Timxix bil-kalzetti biss għax tista' tiżloq.
- ❍ Tilbisx ħwejjeġ twal wisq li jkaxkru fl-art għax tista' taqa' fi hom. Meta tkun qed tilbes oqgħod bilqiegħda.

**Barra mid-dar**

- ❍ Oqgħod attent min-xi ħofor jew turġien fit-trieq.
- ❍ Jekk għandek xi ġnien neħħi l-ħaxix ħażin jew weraq mil-passaġġi fejn timxi.
- ❍ Ara li jkollok dawl biżżejjed fejn il-bieb ta' barra u t-taraġ

### Prekawzjonijiet Oħra

- Evita xorb eċċessiv ta' alkoħol.
- Tqumx mgħaggel mis-siġġu jew is-sodda biex tirrispondi t-telephone, tmur it-toilet etc.
- Mixi u eżerċizzju rpożat hu ta' benefiċċju. Iżda evita strapazz żejjed, mixi bl-għaġġla jew eżerċizzju mgħaġġel.
- Staqsi lit-tabib biex jirrevedi l-mediċini li tkun qed tieħu billi aktar minn 4 pilloli differenti jistgħu jikkawżaw periklu ta' waqgħat. Kellem lit-tabib jekk tħoss xi stordament, pressjoni baxxa, nuqqas ta' bilanċ waqt il-mixi, sintomi ta' depression jew urġenza biex tmur it-toilet.
- Iċċekkja l-viżta u s-smiegħ regolarment.

**Association of Maltese Orthopaedic Nurses (AMON)**

# L-Osteoporożi u s-Saħħa fil-Għadam Tagħna

**H. Borg Bonnici**

Meta nisimgħu l-kelma 'Osteoporożi' dritt niftakru f'kundizzjoni li tista' tolqot lilna l-Anzjani. Għaliex wara kollox x'inhi 'l-Osteoporożi'?

L-Osteoporożi hija kundizzjoni meta l-għadam tagħna jsir poruż u fraġli u dan jiġri meta persuna tikber fiż-żmien. L-għadam jibda jitlef il-kontenut tiegħu u jsir dejjem aktar fraġli. Għal din ir-raġuni, jiżdied ir-riskju ta' ksur fl-għadam.

Il-ġisem jibni l-kontenut tiegħu tal-għadam (bone mass) matul is-snin tat-tfulija u tal-adoloxxenza u l-għadam ikun fl-aqwa tiegħu bejn l-għoxrin u t-tletin sena. Wara l-erbgħin sena, il-kontenut tal-għadam jibda jonqos. Ir-rata ta' kemm jonqos hi aktar mgħaġġla fin-nisa milli fl-irġiel, u r-rata ta' telf tal-kontenut tal-għadam fin-nisa tiżdied wara l-menopawsa.

L-Osteoporożi tista' twassal għall-ksur fil-għadam. Il-ksur huwa l-aktar komuni fl-għadam tal-koxxa, tal-polz u tal-irkiekel tad-dahar. Dan il-ksur jikkaġuna :

- Uġigħ
- Dipendenza fuq ħaddieħor
- Il-bżonn li wieħed jiddaħħal l-isptar għall-kura fit-tul

Fl-ispazju ta' sena wara ksur minħabba l-Osteoporozi, jiżdied ukoll bejn ħames u sitt darbiet aktar iċ-ċans li l-persuna tmut. Għal kull raġel bl-Osteoporozi hemm żewġ nisa li jbatu b'din il-kundizzjoni.

**X'iħossu l-Persuni li jkollhom l-Oseoporożi?**

Fil-fatt, persuni li jkollhom l-Osteoporożi ma jħossu xejn. Għalhekk wieħed isir jaf li għandu l-Osteoporożi meta jkun hemm l-ewwel ksur minħabba f'din il-kundizzjoni. Din hi r-raġuni għalfejn l-osteoporożi ta' spiss tissejjaħ il-marda 'siekta' (silent disease). Persuni li għandhom l-Osteoporożi għandhom aktar ċans li jkollhom ksur minħabba waqgħa zgħira jew jekk jaħbtu ftit x'imkien, waqt li dan mhux soltu jiġri f'persuni li għandhom għadam b'saħħtu. Dan it-tip ta' ksur jgħidulu ksur f'għadam fraġli (fragility fracture).

**X'iżid iċ-Ċans li wieħed ikollu l-Osteoporożi?**

Il-fatturi ta' riskju li jżidu ċ-ċans li wieħed jiżviluppa l-Osteoporożi f'eta' iżgħar mis-soltu, jew li l-kundizzjoni tkun aktar severa wara l-erbgħin sena, jinkludu dawn li ġejjin:

- Dieta li hi nieqsa mill-kalċju (calcium) jew / u dieta mhux bilanċjata, e.ż. nuqqas ta' ħalib, yoghurt, ġobon, rikotta, ħaxix u frott.
- Nuqqas ta' eżerċizzju jew / u żmien twil ta' immobilita (e.ż. żmien twil fis-sodda jew bil-qiegħda minħabba mard)
- Li tkun taħt il-piż ideali għalik b'Body Mass Index (BMI) ta' inqas minn 19-il kilo/m2. L-Anorexia Nervosa tista' tkun kawża tal-Osteoporożi fiż-żgħażagħ.
- It-Tipjip
- Ix-Xorb
- Kundizzjonijiet li jaffetwaw l-assorbiment tal-ikel mill-imsaren e.ż. il-kundizzjoni tas-Coeliac u tal-Crohn's
- L-Artrite Rewmatojde (Rheumatoid Arthritis)

**X'Tista' Tagħmel biex Ikollok Għadam b'Saħħtu?**

Persuni taħt it-tletin sena huma l-grupp ta' persuni li l-aktar jistgħu jagħmlu differenza fis-saħħa tal-għadam tagħhom. Passi li għandek tieħu biex ikollok għadam b'saħħtu huma l-istess passi li tieħu għal stil ta' ħajja li hu ta' benefitċċju għas-saħħa.

- **Dieta bilanċjata** b'ikel li fih biżżejjed kalċju.
- Il-ħalib hu l-aħjar sors ta' kalċju. Ir-rakkommandazzjoni hi li tieħu 700mg ta' kalċju fid-dieta kuljum. Dan l-ammont ta' kalċju nsibuh f'dawn li ġejjin:-
- Tazza ħalib
- Yoghurt wieħed
- Biċċa ġobon waħda daqs kaxxa zgħira tas-suffarini

F'dieta bilanċjata l-maġġoranza tal-persuni għandu jkollhom biżżejjed kalċju mingħajr ma jkollhom bżonn jieħdu supplimenti tal-kalċju.

- **Ezerċizzju regolari** li jieħu l-piż tal-ġisem (weight bearing exercise). Dan it-tip ta' eżerċizzju huma l-mixi, it-tlugħ u l-inżul tat-taraġ, aerobics, iż-żfin, il-ġiri u l-jogging u l-qbiż tal-ħabel. Dan l-eżerċizzju hu mod tajjeb ħafna biex wieħed jiżviluppa għadam b'saħħtu mit-tfulija sas-snin bejn l-għoxrin u t-tletin sena, u biex wieħed inaqqas ir-rata ta' telf ta' kontenut tal-għadam mill-erbgħin sena 'il fuq.
- **Li Tieqaf Tpejjep**
- **Li Tnaqqas l-ammont ta' Xorb**

Stil ta' ħajja li hu ta' benefitċċju għal saħħtek jgħinek tibqa' attiv/a, tkun b'saħħtek u ttejjeb l-istima tiegħek innifsek.
Aktar ma tibda kmieni aktar aħjar.

**Għalhekk, ejja ngħaddu dan it-tagħlim siewi lil oħrajn speċjalment lil uliedna u n-neputijiet tagħna.**

**Nota** : Hajr lil Dr. Marvic Sammut u lid-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard.

# Women's Wit

The mistakes you regret the most in your life are the ones you didn't commit when you had the chance. - *Helen Rowland*

Maturity: Be able to stick with a job until it is finished. Be able to bear an injustice without having to get even. Be able to carry money without spending it. Do your duty without being supervised. – *Ann Landers*

Any intelligent woman who reads the marriage contract, and then goes into it, deserves all the consequences. – *Isadora Duncan*

The problem with people who have no vices is that generally you can be pretty sure they're going to have some pretty annoying vices. – *Elizabeth Taylor.*

Treating the whole world as if it should work for you doesn't suggest you're special, it means you're an ass. - *Raina Kelley*

In order to be irreplaceable one must always be different. – *Coco Chanel*

Men say they love independence in a woman, but they don't waste a second demolishing it brick by brick. – *Candice Bergen*

Whatever women do they must do twice as well as men to be thought half as good. Luckily, this is not difficult. – *Charlotte Whitton*

Stress is an ignorant state. It believes that everything is an emergency. – *Natalie Goldberg*

Don't wreck a sublime chocolate experience by feeling guilty. – *Lora Brody*

Be thankful for what you have; you'll end up having more. If you concentrate on what you don't have, you will never, ever have enough. – *Oprah Winfrey*

There's no pleasure in having nothing to do; the fun is having lots to do and not doing it.
*Mary Wilson Little*

I dress for women, and undress for men. – *Angie Dickinson*

A successful man is one who makes more money than his wife can spend. A successful woman is one who can find such a man. – *Lana Turner*

Kissing is a means of getting two people so close together that they can't see anything wrong with each other. – *Rene Yasenek*

The chief excitement in a woman's life is spotting women who are fatter than she is. –
*Helen Rowland*

Women dress alike all over the world: they dress to be annoying to other women –
*Elsa Schiaparelli*

I don't have pet peeves; I have whole kennels of irritation. - *Whoopi Goldberg*

A face is like the outside of a house, and most faces, like most houses, give us an idea of what we can expect to find inside. - *Loretta Young*

She who can take advice is sometimes superior to she who can give it. – *Erica Jong*

Only when a woman decides not to have children, can a woman live like a man. That's what I've done. - *Katherine Hepburn*

When I lose my temper, honey, you can't find it anywhere. - *Ava Gardner*

I think of life itself now as a wonderful play that I've written for myself, and so my purpose is to have the utmost fun playing my part. - *Shirley MacLane*

Life shrinks or expands in proportion to one's courage. - *Anaïs Nin*

If only we stop trying to be happy, we could have a pretty good time. - *Edith Wharton*

Glamour is what I sell, it's my stock in trade. - *Marlene Dietrich*

Though I'm grateful for the blessings of wealth, it hasn't changed who I am. My feet are still on the ground. I'm just wearing better shoes. - *Oprah Winfrey*

In life, somehow, a man's heart is always exceeding the speed limit, or getting parked in the wrong place. - *Helen Rowland.*

**Note:** Any gentleman ready to be found able to sort of balance this 'Women's Wit' with a kind of 'Men's Wit' ??

# IN MEMORIAM!
# A Most Horrific Tragedy!

**How St. Pierre disappeared from the face of the earth**

St. Pierre was a lazy town in Martinique, a tropical Caribbean island. But in 1902 strange things began to happen: people were swallowed up by huge fissures which suddenly appeared in the earth; the town was invaded by huge snakes; vicious insects swarmed everywhere. Then came the final event which was to end in the disappearance of St. Pierre….

Martinique was a typical Caribbean island in the early 1900s, and easy-going place popular with off-duty sailors who often visited the town of St. Pierre to drink and unwind amidst the picturesque white houses built around the harbour.

The town was surrounded by luxuriant plants and flowers and looked the ideal tropical retreat.

But strange things happened in St. Pierre. Insects of terrifying size would occasionally invade the town and sometimes huge living balls of ants would roll down from the mountains into the sea, to be carried ashore at St. Pierre.

There they would attack anything in their path, often killing domestic animals. At other times centipedes over 30cm long would appear in the town and would terrorise townspeople and animals alike.

Life in St. Pierre was not as idyllic as it at first seemed. St. Pierre had other problems too; it stood below a vast cone of lava that towered into the sky only six miles away – the volcano known as Mont Pierre.

It was officially classed as inactive but it had spluttered occasionally in the 1700s and 1800s and by 1902 people sensed that the volcano was about to come to life.

**WARNINGS**

There had been warnings that the volcano was likely to erupt; people had been scalded to death by unexpected jets of steam from the earth; others were drowned in heaps of mud which suddenly appeared and some had simply been swallowed up by deep fissures in the earth's surface.

The sky at night burned a glowing red above the crater's mouth and sulphurous ash began to fall.

Soon the white ash covered everything in St. Pierre; houses, streets, animals, fields – even ships standing in the harbour.

The birds and animals began to die of suffocation, and people grew uneasy, many of the plantation workers fleeing their homes for the safety of the town.

It was clear that the town should have been evacuated, but the Governor, Louis Mouttet refused to allow this.

His reason? Elections were coming up and he did not want any of his supporters to leave before polling day!

In this he was helped enormously by the editor of the local newspaper *Les Colonies* who, in return for certain favours, agreed to publish soothing articles stating that there was nothing at all to worry about.

His reassurances were accepted even when more bizarre happenings took place. Then at 8.02 a.m. on May 8, 1902, the volcano erupted. But instead of the usual outpouring of molten lava from the crater, Mont Pelee' exploded, and the mountainside split open.

Out of the crack came a giant fireball which rolled down the mountain towards the town.

The vest shimmering red ball destroyed everything in its path, plantations, farms, then the whole town itself with the thoroughness of an atomic explosion.

Within seconds it had killed the whole population, then it rolled down the harbour and into the sea.

<u>Thirty thousand people and the town of St. Pierre had disappeared from the face of the earth.</u> Nothing could survive in the path of the monstrous fireball and in just three minutes all that remained of St. Pierre were smoking, wrecked foundations.

There was no inquiry into the disaster, and the town was so devastated that it was never lived in again.

The ruins remain to this day, a charred scar below the great volcano which destroyed ŻSt. Pierre and its inhabitants more than 70 years ago.

("The Times" – 4th January, 1991)

# IL-MITT SENA!

**Marion Higgins Debono**

Kulħadd iħobb iċ-ċentinarji l-aktar dawk in-nies li jseħħilhom jilħqu dan iż-żmien ta' mitt sena f'ħajjithom. Għalkemm ma jkunux wisq, dawn huma nies li baqgħu ferrieħa li komplew jissieltu ma' dak kollu li ġġib il-ħajja. Ma hawn l-ebda sigriet fiż-żgur għalina għal ħajja twila. In-nies qed jgħixu aktar – tgħid l-istatiska. Ix-xorb u l-ikel moderat għandhom effett tajjeb. Jekk tpejjep 40 sigarrett kuljum tnaqqas madwar 12-il sena minn ħajtek. Xogħol u eżerċizzju ta' kuljum jgħin. Kif kien jgħid nannuwi – "ftit minn kollox huwa tajjeb". "Aħjar tħossok 80 sena żgħir milli 40 sena ixjeħ".

Waħda Żingara tgħid li s-sigriet tal-mitt sena tagħha hija l-pipa li tpejjep minnha kuljum. Raġel qal li baqa' jitla s-sellum sakemm għalaq mitt sena. Issa aqraw din ir-riċetta għal ħajja twila. Aqraw sew – u ftakruh dan li ġej:- Għaliex dan tajjeb għall-fertilita' fil-koppji.

Ikollkom bżonn:
mitt gramma lewż imkisser jew mitħun
mitt gramma karawett imkisser jew mitħun
mitt gramma ġewż imkisser jew mitħun
mitt gramma tamal imqatta'
għasel oħxon

Ħawwad l-ingredjenti flimkien u ħawwadhom tajjeb. B'mgħarfa għamel forom żgħar ta' blalen u għallihom għal xi siegħa, hekk li jiġu rotob biex jittieklu. Kul waħda kif tqum filgħodu u waħda qabel torqod filgħaxija. Kulhom b'mod regolari.

Leġġenda tgħid li ċertu Imperatur Ċiniz li għex 400 mitt sena'ilu, kien jiekol minn dawn kuljum. Jingħad ukoll li għadu ħaj sa llum !!!

# POEŻIJI

## Il-BEBBUXU - Frans Xuereb

Wara burraxka xita
li biha il-bir ifur,
Sibt ruħi qed nistenbaħ
Minn raqda ta' ftit xhur.

U qomt mill-bejta tiegħi
Fejn jien kont qed nistrieħ,
Għad-dell tal-pal tal-bajtra
Taħt ġebla tas-sejjieħ.

Imxejt kemm kemm niċċaqlaq
Fuq dahri nġorr l-għarix,
Bdejt nirgħa taħt is-siġar,
U nnaqqar il-ħaxix.

U mbagħad wara dis-sawma,
Kif kont għadni stordut,
Ħassejt bħal kalamita,
Li minnha ġejt miġbud.

Kont għadni mniddi bl-ilma
U mċappas b'xi ftit tajn,
Waddbuni f'landa msadda,
Nitqgħaweġ qalb l-oħrajn.

U mbagħad ħasluni sewwa
Għalkemm mingħajr sapun,
Xeħtuni b'saħta kbira
Ġo borma bil-misħun

Sibt maltempata kbira,
Tiela' u nieżel ġol-qiegħ,
Nitqalleb qalb il-mewġa
U nwerżaq b'ħafna wġigħ.

Bija għamlu kull ma riedu
La minnhom kont maqbud,
Sa bdew jippreparawni
Għall-ikel ġo ħanut.

Poġġewni f'nofs ta' mejda
Imdawra s'siġġijiet
Dirgħajhom bil-pittura,
Ġew ħafna bulijiet.

Ħalltuni mal-aljoli
Maħduma b'ħafna bżar,
Ħassejt 'il demmi jbaqbaq
Sirt naħraq daqs in-nar.

U bdejt nisma' jistona
Kliem ċar b'lingwa Maltija,
Kliem li jweġġagħlek qalbek,
Kliem li jġiblek mistħija.

U bdew jimmaltrattawni,
Bdejt inħossni migdum,
Għidt' din hi l-aħħar raqda
Li minnha mhux sa nqum.

U mbagħad ħassejtni nieżel
Ġo xkora bl-imbarazz,
Nitqalleb qalb il-qrusa
Ġo żaqq ta' sakranazz.

Għax ma ħallewnix ġo għalqa,
Fejn kont qed ngħix kuntent,
Innaqqar xi ħaxixa,
U nsebbaħ lill-ambjent?

## L-GĦANJA TAL-ANZJANI

Versi ta' A. P. Scicluna (Msida –22.09.93)
Mużika ta' F. Vassallo

Meta l-għodwa tal-ħajja f'mixjietha
Tibda riesqa lejn tmiemha fl-għaxija,
Meta x-xemx hekk filgħodu qawwija
Tibda titlef mill-qilla fi triqtha;

Jibda riesaq il-lejl biex nistrieħu
W għodwa oħra naraw b'ħeġġa ġdida,
Biex bil-ħerqa ta' min ħajtu jridha
Ħalli minnha wisq ġid jista' jieħu.

**Rit.** x2 Dan hu żmien li l-Mulej silef lilna
Biex fih qima nagħtu sew b'għemilna,
Għax la s-saħħa Hu għoġbu jħallilna
Ġid li nagħmlu irid la għażilna,

Nagħtu sehemna minn dak li tgħallimna,
U ngħadduh lil min jaf anqas minna,
Biex beżlin nagħrfu sew nużaw żmienna,
Ma nibżgħux jekk xi xkiel hemm quddiemna.

Ejjew nimxu flimkien għalenija,
Ngħaddu jiemna fil-ħidma fejjieda,
Magħqudin fi ħsieb wieħed bir-rieda
Li b'għerf ġdid tkun ħajjitna mimlija.
**Rit.** Dan hu żmien li l-Mulej.....

Hekk il-jiem ta' ħajjitna li baqa'
Naraw sbieħ, għax kull għodwa tagħtina
Dak il-ferħli jintissel ġo fina
Biex b'hekk f'qalbna qatt niket ma jaqa'.
Lil din Artna, lil din Malta tagħna,
B'dik riditna ġieħ dejjem nagħtuha,
Biex il-barka minn Alla nġibuha
Għax f'kull ħin insibuh ħanin magħna.

**Rit.** Dan hu żmien li l-Mulej...........

## Id-DgĦajsa ta' Ħajjitna

Mary Rose Gatt (Hamrun – 09.07.11)

Id-Dgħajsa miexja
Qajla, qajla f'wiċċ il-baħar,
Bil-qlugħ bajdani jperper
ma' kull żiffa ttik pjaċir,

taqdef 'il barra
fil-baħar kalm kaħlani,
fis-skiet u l-ħemda
'il bogħod mill-għagħa tan-nies.

Hekk nistħajjilha
Il-ħajja ta' kull bniedem,
x'ħin fin-nieqa nitbennu
meta nkunu trabi żgħar,

nikbru bil-mod il-mod
u nsiru żgħażagħ,
u hemm arana
moħħ ir-riħ nifirħu

b'dak li toffri d-dinja
tul iż-żmien.
Id-dgħajsa qajla qajla
fil-port tidħol,

għajjiena u siekta
wara d-dawra bla waqfien,
il-qlugħ bajdani tniżżel
biex jintrefa'
u tieqaf biex mal-lejl
hi tmur tistrieħ.

Il-bniedem hekk jiġrilu meta jikber,
Għajjien u sieket,
Għax dan beda jixjieħ,
jidħol fil-port ta' ħajtu,

jniżżel l-ankri,
jistenna b'sabru kollu
sa ma jasal it-tmiem tiegħu,
biex hu wkoll jistrieħ.



# TISLIBA Nru.65

Minn Albert Howard Madiona

**Mimdudin:**
1. ...jibqhu s-swaba' ċ-ċriejet jiġru (6)
5. Poeżija b'erbatax-il Vers (6)
10. Telaq, Ħareġ, Ħalla (3)
12. Ħa lura, Ħareġ bil-pensjoni (5)
14. Warrab, Bewweġ, Skansa (5)
15. Għelieqi, Art għammiela (4)
16. Nofs Enne (2)
17. Biżbetiku, Żorr, Bla kumplimenti (5)
19. Il-..... ġġib il-kelma u r-ruħ taqa' (5)
22. Theżhiż tal-art (8)
24. Ġardina bis-siġar, Ġnejna (3)
25. Logħob li fih tista' titlef bosta (6)
28. Farka, Għabra (5)
31. Waħda taz-zalzett ? (5)
33. Żmien ta' issa (7)
35. Natalino qassar ismu (5)
37. Nazzjonijiet Uniti (1.1.)
38. Għasfur li jinħabb (6)
39. Ringo tal-Beatles (5)

**Weqfin:**
2. .... fil-ħażin biex it-tajjeb ma' jonqosx (5)
3. < M > (4)
4. Prizervat, Imħawwar (7)
6. Użin ta' 28-35 gramm (5)
7. Rita stirata fil-widna, Strument mużikali (6)
8. Tidwir, Ġiri (6)
9. Papoċċ bla dahar (6)
11. Sliem Għalik (3)
13. Ikkonferma, Wera ruħu favur (7)
18. Pa, (kif isejħulu wliedu żgħar) (4)
20. Xorb ħelu, Xorb tan-nisa (7)
21. Sons of the Revolution of Zambia (1.1.1.)
23. Min jemmen fl-estremiżmu (9)
26. Xalatur, Libertin (6)
27. Sosteniment, Assistenza (6)
29. Ħsiebu hemm, Diliġenti (6)
30. L-.... tinsab il-ġewwa mill-port ta' Marsamxett (6)
32. Azzjoni, Ħidma, Attivita' (3)
34. Żball, Qerq, Ingann (5)
36. Anna mqassra (3)

**Premju** It-Tislibiet Tajba li nirċievu bil-posta sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-Fuljett jitilgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.

Il-Premju ta' Tisliba Nru. 63 intrebħet mis-Sinjura M. Attard (Pieta') **Prosit !**

---

**SOLUZZJONI TA' TISLIBA TAL-ĦARĠA Nru. 64**

MIMDUDIN: 1.kerċem 5.brejku 10.nil 12.kanta 14.astra 15.nħir 16.se 17.urtat 19.astut 22.praspura 24.ufo 25.alfred 28.ottav 31.soppa 33.preżent 35.nitfa 37.at 38.tifħir 39.pront

WEQFIN: 2.eredi 3.ċena 4.maltemp 6.renju 7.umilta 8.franka 9.skanta 11.iss 13.alterat 18.stor 20.tulipan 21.uff 23.protettur 26.drogat 27.espost 29.vitali 30.asfalt 32.art 34.emmen 36.far

# *Art and Entertainment at Carnival*

**Carmelina Grech**
**19.10.11**

Malta and Gozo have a rich folklore. Typical of these traditions are the talismans on the bows of fishing boats, those ever-seeing eyes that guard against the dangers of the deep. There are also the wayside shrines and the stone crosses built in the rubble walls bounding the fields. All have evolved over the past four centuries, along with other numerous beliefs and customs that punctuate the routine of daily life.

A popular musical tradition is "Il-Maltija". Though considered a country dance, it originated as a court dance in the eighteenth century. The two 'period' costumes still triumph on the traditional music, but serve a varied occasion.

For some years much of Malta's traditional music fell from favour because it was more lucrative for musicians to join a jazz band, for example, than to preserve the national heritage, though now, our native culture is picking up again. *Carnival* and the village festa are the two main events in the Maltese calendar.

Carnival is a passion shared by many people, some hate it; others bear it, while others simply live every day of the year waiting for those five short days, when the silliness, the senseless and the idiotic take over.

In times gone by the prospect of a period of fasting and penitence for forty days before Easter was a great excuse to hold great revelry during the Carnival week. Besides the outdoor carousing, carnival was enjoyed to the full on the dance floor. Private parties, fancy dress balls, social partying, fancy and evening-dress balls and masquerade festivities were organised by various societies. Monday, second day of Carnival, excelled in *'masked'* vivacious balls held in theatre and cinema halls, thronged with jovial youngsters and adults.

Carnival has been celebrated in Malta since the arrival of the Knights of St. John in 1535, but some studies even date the first carnival revelry back to the year 1470. Some Grand Masters of the Order permitted Carnival intemperance, but others regulated it to stamp out rowdy behaviour. The tradition of wearing masks for carnival may have started at this time; the Knights, who were forbidden to participate in the Carnival events probably, used masks to disguise themselves so they could join the festivities.

By the twentieth century Valletta Carnival was organised by the British governors and had become the domain of the upper classes. The distinction has long ceased to exist. Public carnival activities in Valletta are now organised by a national committee that also judges the competitions for best floats, costumes and dancing on the square where seating for the public is erected. Beyond any doubt the centre of attraction of today's Maltese Carnival is the grand defiles of floats in the streets of Valletta and Floriana. Though the controversy over the restriction imposed by the authorities on the themes that can be represented in floats has spoiled a few past versions with a humorous or satiric theme, the staging involving these often ingenious devices remain as colourful and popular as ever. To quote an old saying *'ogni scherzo vale'…* 'anything is possible'

Nowadays, revellers gather in every corner of the islands during the five days preceding Ash Wednesday, from Nadur in Gozo to Ghaxaq in the south of Malta. One thing is for sure, the tourist has come to love it also and comes a long way to join in the entertainment.

The calendar pages are punctuated with many other cultural activities that make up an inheritance that reflects the island's unique character, moulded by the various civilizations that have occupied it over the centuries.